

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 209

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

20 ta' Ġunju 2019

Werrej

### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2019/C 209/01	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida dwar ir-rappurtar mhux finanzjarju: Supplement dwar ir-rappurtar ta' informazzjoni relatata mal-klima .....	1
2019/C 209/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9323 — RheinEnergie/SPIE/TanKE) <sup>(1)</sup> ....	31
2019/C 209/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9363 — Koito/Elbit/BWV/JV) <sup>(1)</sup> .....	31

### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2019/C 209/04	Rata tal-kambju tal-euro .....	32
---------------	--------------------------------	----

MT

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

### Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2019/C 209/05	L-ebda għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE .....	33
---------------	---	----

---

## V Awżi

### PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 209/06	Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri antisussidji .....	34
2019/C 209/07	Avviż ta' ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjonijiet wara s-sentenzi tal-10 ta' April 2019, fil-kawżi T-300/16 u T-301/16, fir-rigward tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 u (UE) 2016/388 li jimponu dazju kumpensatorju definittiv u dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' hađid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' hađid fondut sferoġdali), li joriġinaw mill-Indja .....	35

### PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 209/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9314 — Sogelamir/AddUp/PrintSky) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	40
2019/C 209/09	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9382 — Toyota Financial Services Corporation/Mazda Motor Corporation/SMM Auto Finance JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	42

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**Linji gwida dwar ir-rapportar mhux finanzjarju: Suppliment dwar ir-rapportar ta' informazzjoni  
relatata mal-klima**

(2019/C 209/01)

*Avviż importanti*

Din il-komunikazzjoni ġiet imħejjija skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) sabiex tassisti lill-kumpaniji kkonċernati biex jiddivulgaw informazzjoni mhux finanzjarja b'mod rilevanti, utli, konsistenti u aktar komparabbli. Hija supplement għal-Linji Gwida dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju adottati mill-Kummissjoni fl-2017 (C(2017)4234 final). Din il-Komunikazzjoni tipprovdi linji gwida mhux vinkolanti u ma toħloqx obbligi legali ġodda. Sa fejn din il-Komunikazzjoni tista' tinterpreta d-Direttiva 2014/95/UE, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni hi mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe interpretazzjoni ta' din id-Direttiva li tista' tinħareġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-kumpaniji li jużaw dawn il-linji gwida jistgħu jiddependu wkoll fuq oqfsa internazzjonali, ibbażati fl-UE jew daww nazzjonali. Din il-komunikazzjoni ma tikkostitwixxi standard tekniku, u la min jipprepara r-rapporti mhux finanzjarji u lanqas xi parti oħra, kemm jekk tkun qed tagħxi għan-nom ta' xi ħadd li jipprepara r-rapporti jew ukoll ta' xi ħadd ieħor, ma għandha tiddikjara li r-rapporti mhux finanzjarji huma f'konformità ma' dan id-dokument.

**Kontenut**

	<i>Page</i>
1	2
1.1	2
1.2	3
2	3
2.1	3
2.2	4
2.3	5
2.4	8
2.5	8
3	8
3.1	8
3.2	9
3.3	10
3.4	11
3.5	12
Anness I:	21
Anness II:	29

(\*) ĠUL 330, 15.11.2014, p. 1.

## 1. INTRODUZZJONI

### 1.1. Għaliex għandhom jiġu pprovduti linji gwida ġodda dwar divulgazzjonijiet relatati mal-klima?

Il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima tal-2015, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u r-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Ottubru 2018) kollha talbu għal azzjoni aċċellerata u deċiżiva sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gas, GHG) u tinħoloq ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. L-UE qablet dwar miri ambizzjużi għall-2030 rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika <sup>(?)</sup>, u approvat regoli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tal-art kif ukoll miri ta' emissjonijiet għall-karozzi u għall-vannijiet. Fl-2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-viżjoni strateġika fit-tul tagħha għal ekonomija prosperuża, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050. <sup>(?)</sup>

Il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom rwol kritiku fit-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. L-ewwel nett, diġà hemm bżonn ta' investiment annwali addizzjonali ta' EUR 180 biljun sabiex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u l-klima tal-UE għall-2030, u se jkunu meħtieġa fondi ulterjuri sabiex sal-2050 tinkiseb in-newtralità klimatika. Ħafna minn dawn l-investimenti jirrappreżentaw opportunitajiet ta' negozju sinifikanti, u l-biċċa l-kbira tal-finanzjament se jkollu jiġi minn kapital privat. It-tieni nett, il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet finanzjarji se jkollhom jifhmu aħjar u jindirizzaw ir-riskji ta' impatt negattiv fuq il-klima li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' negozju tagħhom, kif ukoll ir-riskji li t-tibdil fil-klima joħloq għan-negozju tagħhom. Id-diżastri relatati mat-temp ikkawżaw rekord ta' EUR 283 biljun fi ħsarat ekonomiċi fl-2017 u sal-2100 jistgħu jaffettwaw sa żewġ terzi tal-popolazzjoni Ewropea meta mqabbla mal-5 % tal-lum. Id-divulgazzjoni aħjar ta' informazzjoni relatata mal-klima mill-kumpaniji tista' tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, li jitlob lill-gvernijiet biex jevalwaw, jirrekordjaw, jaqsmu u jispjegaw pubblikament it-telf mid-diżastri.

F'Marzu 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament ta' Tkabbir Sostenibbli, bil-għan li torjenta mill-għid il-kapital lejn l-investiment sostenibbli, timmaniġġja r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u problemi ambjentali u soċjali oħra, u trawwem it-trasparenza u l-perspettiva fit-tul fl-attività finanzjarja u ekonomika. <sup>(?)</sup> Il-pubblikazzjoni ta' linji gwida ġodda dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-klima mill-kumpaniji hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni.

Għadd ta' azzjonijiet oħra fil-Pjan ta' Azzjoni sa ċertu punt jiddependu mid-divulgazzjoni ta' informazzjoni adegwata relatata mas-sostenibbiltà mill-kumpaniji. Dan pereżempju jinkludi, ir-regolamenti proposti dwar l-istabiliment ta' qafas (tassonomija) sabiex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli <sup>(?)</sup>, dwar id-divulgazzjonijiet ta' sostenibbiltà mill-investituri istituzzjonali u l-manigġers tal-assi <sup>(?)</sup>, u dwar parametri referenzjarji relatati mal-karbonju. <sup>(?)</sup>

Mingħajr informazzjoni suffiċjenti, affidabbli u komparabbli relatata mas-sostenibbiltà minn destinatari ta' investiment, is-settur finanzjarju ma jistax jidderieġi b'mod effiċjenti l-kapital lejn investimenti li jixprunaw soluzzjonijiet għall-kriżijiet ta' sostenibbiltà li niffaċċjaw, u ma jistax jidentifika u jimmaniġġja b'mod effettiv ir-riskji għall-investimenti li jirriżultaw minn dawn il-kriżijiet.

Id-divulgazzjoni korporattiva ta' informazzjoni relatata mal-klima tjiebet f'dawn l-aħħar snin. Madanakollu, xorta għad hemm lakuni sinifikanti, u hemm bżonn ta' titjib ulterjuri malajr fil-kwantità, fil-kwalità u fil-komparabbiltà tad-divulgazzjonijiet sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-investituri u ta' partijiet ikkonċernati oħra.

F'Ġunju 2017, it-Task Force dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima (TCFD), stabbilita mill-Bord għall-Istabiliment Finanzjarja tal-G20, ippubblikat rakkomandazzjonijiet biex tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji u lill-kumpaniji mhux finanzjarji biex jiddivulgaw informazzjoni dwar riskji u opportunitajiet relatati mal-klima. <sup>(?)</sup> Ir-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD huma rikonoxxuti b'mod wiesa' bħala gwida awtoritattiva dwar ir-rappurtar ta' informazzjoni finanzjarja materjali relatata mal-klima, u l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-kumpaniji jimplementawhom. Għadd ta' gvernijiet u regolaturi finanzjarji madwar id-dinja esprimew l-appoġġ tagħhom għar-rakkomandazzjonijiet u qed jintegrawhom fil-gwida u l-oqfsa ta' politika tagħhom. Xi eżempji jinkludu l-Awstralja, il-Kanada, Hong Kong, il-Ġappun, Singapore u l-Afrika t'Isfel, kif ukoll xi Stati Membri oħra tal-UE.

Dan is-suppliment jintegra r-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD, u jipprovi gwida għall-kumpaniji li hija konsistenti mad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju u mar-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD.

<sup>(?)</sup> [https://ec.europa.eu/clima/policies/strategies/2030\\_mt](https://ec.europa.eu/clima/policies/strategies/2030_mt)

<sup>(?)</sup> [https://ec.europa.eu/clima/policies/strategies/2050\\_mt](https://ec.europa.eu/clima/policies/strategies/2050_mt)

<sup>(?)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52018DC0097>

<sup>(?)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52018PC0353>

<sup>(?)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52018PC0354>

<sup>(?)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/FR/TXT/?uri=CELEX%3A52018PC0355>

<sup>(?)</sup> <https://www.fsb-tcfd.org/>

Il-Grupp ta' Esperti Tekniċi dwar il-Finanzjament Sostenibbli, maħtur mill-Kummissjoni f'Ġunju 2018, ipprova rakkomandazzjonijiet dwar divulgazzjonijiet relatati mal-klima u dawn il-linji gwida huma mibnija fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Dawn il-linji gwida jqisu l-feedback tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi dwar il-Finanzjament Sostenibbli, u r-riżultati ta' konsultazzjoni online fil-mira mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea fi Frar/Marzu 2019 <sup>(9)</sup>.

## 1.2. Benefiċċji għall-kumpaniji ta' rappurtar

Divulgazzjoni aħjar ta' informazzjoni relatata mal-klima jista' jkollha benefiċċji għall-kumpanija ta' rappurtar innifisha, bħal:

- għarfien u fehim akbar ta' riskji u opportunitajiet relatati mal-klima fi ħdan il-kumpanija, immaniġġjar aħjar tar-riskji, u teħid ta' deċiżjonijiet u ppjanar strateġiku aktar informat;
- bażi tal-investituri aktar diversa u kost tal-kapital potenzjalment aktar baxx, li jirriżultaw pereżempju mill-inklużjoni f'portafolli tal-investment ġestiti b'mod attiv u f'indiċi ffukati fuq is-sostenibbiltà, u minn klassifikazzjonijiet tal-kreditu mtejba għall-ħruġ ta' bonds u valutazzjonijiet tal-affidabbiltà tal-kreditu għall-kreditu bankarji;
- djalogu aktar kostruttiv mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-investituri u l-partijiet ikkonċernati;
- reputazzjoni korporattiva aħjar u ż-żamma ta' liċenzja soċjali biex topera.

## 2. KIF GĦANDHOM JINTUŻAW DAWN IL-LINJI GWIDA

### 2.1. Konsiderazzjonijiet ġenerali

Il-kumpaniji għandhom jaqraw dan is-suppliment flimkien mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti li tittrasponi d-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju (2014/95/UE) u jekk ikun meħtieġ it-test tad-Direttiva nnifisha.

Huma għandhom iqisu wkoll il-Linji Gwida Mhux Vinkolanti dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju ppubblikati mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017 <sup>(10)</sup>, li fihom 6 prinċipji ewlenin ta' rappurtar mhux finanzjarju tajjeb, jiġifieri li l-informazzjoni divulgata għandha tkun: (1) materjali; (2) ġusta, ibbilanċjata u komprensibbli; (3) komprensiva iżda konċiż; (4) strateġika u tħares 'il quddiem <sup>(11)</sup>; (5) orjentata lejn il-partijiet ikkonċernati; u (6) konsistenti u koerenti. Dawn il-prinċipji u t-taqsimiet l-oħra tal-Linji Gwida Mhux Vinkolanti kollha japplikaw kif xieraq għal dan is-suppliment.

Il-kumpaniji huma wkoll imħeġġa jaqraw ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima, u jekk rilevanti l-gwida supplimentari għas-settur finanzjarju u għall-kumpaniji li joperaw fis-setturi tal-enerġija, it-trasport, il-materjali u l-bini u l-prodotti tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-foresti <sup>(12)</sup>.

Bħal-linji gwida ġenerali ppubblikati fl-2017, dan is-suppliment dwar rappurtar relatat mal-klima mhuwiex vinkolanti. Il-kumpaniji jistgħu jagħżlu approċċi alternattivi għar-rappurtar dwar informazzjoni relatata mal-klima, dejjem jekk dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti legali.

Dawn il-linji gwida jirrikonoxxu li l-kontenut ta' divulgazzjonijiet relatati mal-klima jista' jvarja bejn il-kumpaniji skont numru ta' fatturi, inkluż is-settur tal-attività, il-post ġeografiku u n-natura u d-daqs tar-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima.

Il-metodoloġiji u l-aħjar Prattiki fil-qasam tar-rappurtar relatat mal-klima qed jevolvu b'rata mgħaġġla. Għalhekk, dawn il-linji gwida jirrikonoxxu li huwa meħtieġ approċċ flessibbli. Il-kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra huma mħeġġa ħafna jkomplu jwettqu innovazzjoni u jtejbu aktar ir-rappurtar relatat mal-klima lil hinn mill-kontenut ta' dawn il-linji gwida. Il-kumpaniji għandhom jiżguraw ukoll li l-approċċ tagħhom għal rappurtar relatat mal-klima jiġi aġġornat b'mod regolari f'konformità mal-aktar evidenza xjentifika riċenti.

<sup>(9)</sup> [https://ec.europa.eu/info/consultations/finance-2019-non-financial-reporting-guidelines\\_en](https://ec.europa.eu/info/consultations/finance-2019-non-financial-reporting-guidelines_en)

<sup>(10)</sup> ĠU C 215, 5.7.2017, p. 1.

<sup>(11)</sup> Dan ma jipprevenix il-kunsiderazzjoni xierqa ta' informazzjoni kummerċjalment sensitiva. Informazzjoni rilevanti tista' tiġi pprovduta f'termini usa' li xorta jwasslu informazzjoni utli lill-investituri u lil partijiet ikkonċernati oħra u tissodisfa l-oġettiv tat-trasparenza kumplessiva.

<sup>(12)</sup> <https://www.fsb-tcfd.org/wp-content/uploads/2017/12/FINAL-TCFD-Annex-Amended-121517.pdf>

Mhix l-intenzjoni ta' dawn il-linji gwida li jħeġġu rappurtar awtonomu dwar il-klima. Il-kumpaniji huma mħeġġa jintegraw informazzjoni relatata mal-klima ma' informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja oħra kif xieraq fir-rapporti tagħhom.

Il-post prestabbilit għar-rapport mhux finanzjarju skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju huwa r-rapport tal-ġestjoni tal-kumpanija, għalkemm ħafna Stati Membri ghaflu l-alternattiva li jħallu lill-kumpaniji jipubblikaw ir-rapport mhux finanzjarju tagħhom frapport separat. It-TCFD tipproponi li d-divulgazzjonijiet rakkomandati tagħha għandhom jiġu inklużi fil-"filings finanzjarji annwali" formali tal-kumpanija <sup>(13)</sup>.

Fi kwalunkwe każ, il-kumpaniji għandhom ifittxu li jiżguraw li l-informazzjoni relatata mal-klima tkun aċċessibbli faċilment għall-utenti intiżi. Jekk il-kumpaniji jagħmlu referenzi inkrojati għal rapporti jew dokumenti oħra, dan għandu jsir b'mod sempliċi u faċli għall-utent, pereżempju, bl-applikazzjoni ta' regola Prattika ta' "massimu ta' "klikk" waħda mir-rapport".

Dawn il-linji gwida huma intiżi għall-użu minn kumpaniji li jaqgu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju <sup>(14)</sup>. Madanakollu, dawn jistgħu jkunu utli wkoll għal kumpaniji oħra li jixtiequ jiddivulgaw informazzjoni relatata mal-klima.

## 2.2. Materjalità

Skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, kumpanija hija meħtieġa tiddivulga informazzjoni dwar materji ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u t-tixħim u l-korruzzjoni, sa fejn tali informazzjoni tkun neċessarja għall-fehim tal-iżvilupp, tal-prestazzjoni, tal-pożizzjoni u tal-impatt tal-kumpanija u tal-impatt tal-attivitajiet tagħha <sup>(15)</sup>. L-informazzjoni relatata mal-klima tista' titqies bħala li taqa' fil-kategorija tal-materji ambjentali.

Kif indikat fil-Linji Gwida Mhux Vinkolanti dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju tal-Kummissjoni tal-2017, ir-referenza għall-"impatt tal-attivitajiet [tal-kumpanija]" introduċiet element ġdid li għandu jitqies meta tiġi vvalutata l-materjalità tal-informazzjoni mhux finanzjarja. Fil-verità, id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju għandha perspettiva ta' materjalità doppja:

- Ir-referenza għall-"iżvilupp, il-prestazzjoni [u] l-pożizzjoni" tal-kumpanija tindika materjalità finanzjarja, fis-sens usa' li jiġi affettwat il-valur tal-kumpanija. L-informazzjoni relatata mal-klima għandha tiġi rrapportata jekk tkun meħtieġa għall-fehim tal-iżvilupp, tal-prestazzjoni u tal-pożizzjoni tal-kumpanija. Din il-perspettiva hija normalment ta' interess kbir għall-investituri.
- Ir-referenza għall-"impatt tal-attivitajiet tal-[kumpanija]" tindika l-materjalità ambjentali u soċjali. L-informazzjoni relatata mal-klima għandha tiġi rrapportata jekk tkun meħtieġa għal-fehim tal-impatti esterni tal-kumpanija. Din il-perspettiva normalment hija ta' interess kbir għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi, għall-impjegati, għas-sħab fin-negozju, għall-komunitajiet u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madanakollu, numru dejjem jiżdied ta' investituri jeħtieġ li jkunu jafu wkoll dwar l-impatti tal-klima tad-destinatarji ta' investment sabiex jifhmu aħjar u jkejlu l-impatti tal-klima tal-portafolli tal-investment tagħhom.

Il-kumpaniji għandhom iqisu l-użu tad-divulgazzjonijiet proposti f'dawn il-linji gwida jekk jiddeċiedu li l-klima hija kwistjoni materjali minn waħda minn dawn iż-żewġ perspettivi.

Dawn iż-żewġ perspettivi ta' riskju diġà jikkoinċidu fxi każijiet u hemm aktar ċans li jagħmlu hekk fil-futur. Hekk kif il-politiki tas-swieq u dawk pubbliċi jevolvu b'rispons għat-tibdil fil-klima, l-impatti pożittivi u/jew negattivi ta' kumpanija dwar il-klima se jitransformaw dejjem aktar f'opportunitajiet ta' negozju u/jew riskji li huma finanzjarjament materjali.

Il-perspettiva tal-materjalità tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju tkopri kemm il-materjalità finanzjarja kif ukoll il-materjalità ambjentali u soċjali, filwaqt li t-TCFD għandha perspettiva tal-materjalità finanzjarja biss.

<sup>(13)</sup> Ara l-Anness II "L-Immappjar tar-Rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju u d-Divulgazzjonijiet Rakkomandati tat-TCFD"

<sup>(14)</sup> Entitajiet ta' interess pubbliku kbar skont id-Direttiva 2013/34/UE b'aktar minn 500 impjegat.

<sup>(15)</sup> L-Artikolu 19a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE (introdott mid-Direttiva 2014/95/UE, id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju).

Figura 1

## Il-perspettiva tal-materjalità doppja tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju fil-kuntest tar-rappurtar tal-informazzjoni relatata mal-klima



\* Materjalità finanzjarja tintuża hawnhekk fis-sens wiesa' li taffettwa l-valur tal-kumpanija, mhux biss is-sens li taffettwa miżuri finanzjarji rikonnoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Meta jivvalutaw il-materjalità ta' informazzjoni relatata mal-klima, il-kumpaniji għandhom iqisu perijodu ta' żmien itwal minn dak li normalment ikun il-każ għall-informazzjoni finanzjarja. Huwa rrakkomandat li l-kumpaniji ma jikkonkludux kmieni wisq li l-klima mhix kwistjoni materjali sempliċiment minħabba li jitqies li xi riskji relatati mal-klima fin-natura tagħhom huma għal żmien twil.

Meta jivvalutaw il-materjalità ta' informazzjoni relatata mal-klima, il-kumpaniji għandhom iqisu l-katina ta' valur kollha tagħhom, kemm upstream fil-katina ta' provvista kif ukoll downstream.

Minħabba l-impatti sistemiċi u pervażivi tat-tibdil fil-klima, il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva aktarx jikkonkludu li l-klima hija kwistjoni materjali. Il-kumpaniji li jikkonkludu li l-klima mhix kwistjoni materjali huwa rrakkomandat li jikkunsidraw jagħmlu dikjarazzjoni għal dan il-għan, li tispjega kif ikunu waslu għal dik il-konklużjoni.

### 2.3. Riskji, dipendenzi u opportunitajiet relatati mal-klima

#### Riskji relatati mal-klima

Skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, sa fejn hu meħtieġ, l-informazzjoni relatata mal-klima għandha tinkludi kemm ir-riskji prinċipali għall-iżvilupp, għall-prestazzjoni u għall-pożizzjoni tal-kumpanija li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, u wkoll ir-riskji prinċipali ta' impatt negattiv fuq il-klima li jirriżultaw mill-attivajiet tal-kumpanija. Id-divulgazzjonijiet proposti f'dawn il-linji gwida jirriflettu dawn iż-żewġ perspettivi ta' riskju.

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor fit-test, għandu jiġi mifhomm li r-referenzi għar-riskji jirreferu kemm għar-riskji ta' impatti negattivi fuq il-kumpanija (riskji ta' tranżizzjoni u riskji fiżiċi – ara hawn taħt) kif ukoll għar-riskji ta' impatti negattivi fuq il-klima.

Dawn iż-żewġ tipi ta' riskju – riskji ta' impatti negattivi fuq il-kumpanija u riskji ta' impatti negattivi fuq il-klima – jistgħu jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-kumpaniji stess u jistgħu jseħħu tul il-katina ta' valur kollha, kemm upstream fil-katina ta' provvista kif ukoll downstream.

#### 1) Ir-riskji ta' impatti negattivi fuq il-klima

Xi eżempji ta' riskji ta' impatti negattivi fuq il-klima huma:

- Il-faċilità tal-produzzjoni industrijali ta' kumpanija tista' tarmi gassijiet serra (GHG) direttament fl-atmosfera.
- L-enerġija li kumpanija tixtri biex twettaq l-operazzjonijiet tagħha jista' jkun li tkun ġiet prodotta mill-fjuwils fossili.

- Il-prodott li kumpanija tagħmel jista' jkun li jkun jirrikjedi l-konsum tal-fjuwils fossili, pereżempju fil-każ ta' karozzi li jaħdmu bil-petrol jew bid-diżil.
- Il-produzzjoni ta' materjali użati mill-kumpanija tista' twassal għal emissjonijiet ta' gassijiet serra upstream fil-katina ta' valur tagħhom. Dan jista' jkun il-każ għall-kumpaniji li jużaw materjali bħas-siment jew l-aluminju fil-proċessi ta' produzzjoni tagħhom. Bl-istess mod, kumpanija li tipproduċi jew tipproċessa komoditajiet forestali jew agrikoli, inkluż fis-setturi bħall-industriji tal-ikel, tal-ħwejjeġ jew tal-ipproċessar tal-injam, potenzjalment tista' tkun qed tikkawża, direttament jew indirettament, bidla fl-użu tal-art inkluża deforestazzjoni u degradazzjoni tal-foresti u emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati.

## 2) *Ir-riskju ta' impatt negattiv fuq il-kumpanija*

Ir-riskji tat-tibdil fil-klima għall-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpanija jistgħu jiġu kklassifikati bħala riskji fiżiċi jew riskji ta' tranżizzjoni. <sup>(16)</sup>

*Riskji ta' tranżizzjoni* huma riskji għall-kumpanija li jirriżultaw mit-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Dawn jinkludu:

- Riskji ta' politika, pereżempju b'riżultat tar-reqwiziti tal-effiċjenza enerġetika, mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju li jżidu l-prezz tal-fjuwils fossili, jew politiki li jħeġġu l-użu sostenibbli tal-art.
- Riskji legali, pereżempju r-riskju ta' litigazzjoni talli tonqos li tevita jew timminimizza l-impatti avversi fuq il-klima, jew tonqos milli tadatta għat-tibdil fil-klima.
- Riskji teknoloġiċi, pereżempju jekk teknoloġija b'impatt anqas dannuż fuq il-klima tissostitwixxi teknoloġija li hija aktar dannuża għall-klima.
- Riskji tas-suq, pereżempju jekk l-għażliet tal-konsumaturi u l-konsumaturi tan-negozju jaqilbu lejn prodotti u servizzi li huma anqas dannużi għall-klima.
- Riskji reputazzjonali, pereżempju d-diffikultà li tattira u żżomm il-konsumaturi, l-impjegati, is-sħab fin-negozju u l-investituri jekk kumpanija jkollha reputazzjoni li tagħmel ħsara lill-klima.

B'mod ġenerali, kumpanija b'impatt negattiv ogħla fuq il-klima se tkun aktar esposta għar-riskji ta' tranżizzjoni.

*Riskji fiżiċi* huma riskji għall-kumpanija li jirriżultaw mill-effetti fiżiċi tat-tibdil fil-klima. <sup>(17)</sup> Dawn jinkludu:

- Riskji fiżiċi akuti, li jirriżultaw minn avvenimenti partikolari, speċjalment avvenimenti relatati mat-temp bħal mal-tempati, għargħar, nirien jew mewġiet ta' sħana, li jistgħu jagħmlu ħsara lill-faċilitajiet tal-produzzjoni u jfixklu lill-katini ta' valur.
- Riskji fiżiċi kroniċi, li jirriżultaw minn bidliet fil-klima aktar fit-tul, bħal bidliet fit-temperatura, żieda fil-livelli tal-baħar, tnaqqis fid-disponibbiltà tal-ilma, it-telf ta' bijodiversità u bidliet fil-produttività tal-art u tal-ħamrija.

L-esponiment ta' kumpanija għal riskji fiżiċi ma jiddependix direttament fuq jekk dik il-kumpanija għandhiex impatt negattiv fuq il-klima jew le.

## ***Id-dipendenzi fuq il-kapitali naturali, umani u soċjali***

Ħafna kumpaniji huma dipendenti fuq *il-kapital naturali*. <sup>(18)</sup> Jekk il-kapital naturali nnifsu huwa mhedded mit-tibdil fil-klima, f'dak il-każ il-kumpanija se tiġi esposta għal riskji relatati mal-klima, speċjalment riskji fiżiċi. Għalhekk, il-kumpaniji għandhom iqisu bir-reqqa d-dipendenzi tagħhom fuq il-kapital naturali meta jidentifikaw u jirrapportaw dwar ir-riskji relatati mal-klima tagħhom. Pereżempju, kumpanija tal-produzzjoni agrikola tista' tkun dipendenti fuq diversi kapitali naturali bħall-ilma, il-bijodiversità u l-produttività tal-art u tal-ħamrija, li kollha kemm huma huma vulnerabbli għat-tibdil fil-klima. Tali kumpanija tkun mistennija li tispjega dawn id-dipendenzi meta tirrapporta dwar ir-riskji relatati mal-klima tagħha.

<sup>(16)</sup> Din id-deskrizzjoni ta' riskji ta' tranżizzjoni u fiżiċi hija sa ċertu punt ibbażata fuq ir-rapport tat-Task Force dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima.

<sup>(17)</sup> Gwida ulterjuri dwar ir-rapportar ta' riskji fiżiċi tista' tinstab f'*Advancing TCFD Guidance on Physical Climate Risks and Opportunities*, il-BERŻ u ċ-Ċentru Globali għall-Eċċellenza dwar l-Adattament għall-Klima [https://www.physicalclimaterisk.com/media/EBRD-GCECA\\_draft\\_final\\_report\\_full.pdf](https://www.physicalclimaterisk.com/media/EBRD-GCECA_draft_final_report_full.pdf)

<sup>(18)</sup> Spjegazzjoni u gwida ulterjuri fir-rigward tal-kapital naturali hija disponibbli mill-Koalizzjoni tal-Kapital Naturali <https://naturalcapitalcoalition.org/>



Ħafna kumpaniji huma wkoll dipendenti fuq *il-kapital uman u soċjali*, bħall-ħiliet u l-motivazzjoni tal-impjegati, u l-livell ta' fiduċja li l-kumpanija tgawdi fost il-partijiet ikkonċernati esterni. Il-kumpaniji għandhom jintegraw l-informazzjoni dwar il-kapital uman u soċjali kif xieraq fir-rappurtar tagħhom dwar kwistjonijiet relatati mal-klima. Pereżempju, l-impjegati jistgħu jkunu kritiċi rigward l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

**Opportunitajiet relatati mal-klima**

Ir-riskji relatati mal-klima spiss jistgħu jinbidlu f'opportunitajiet mill-kumpaniji li joffru prodotti u servizzi li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

L-adattament għat-tibdil fil-klima jfisser l-antiċipazzjoni tal-effetti avversi tat-tibdil fil-klima u t-tehdid ta' azzjoni xierqa sabiex il-ħsara li jistgħu jikkawżaw tiġi impedita jew minimizzata. Dan jinkludi opportunitajiet tan-negozju bħal teknoloġiji ġodda li jużaw riżorsi tal-ilma skarsi b'mod aktar effiċjenti, jew il-bini ta' difiżi kontra l-għargħar ġodda.


Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tirreferi għall-isforzi biex jitnaqqsu jew jiġu impediti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Eżempji ta' opportunitajiet tan-negozju assoċjati mal-mitigazzjoni jinkludu l-enerġija rinnovabbli jew l-iżvilupp ta' aktar bini u sistemi tat-trasport effiċjenti fl-enerġija.

It-tassonomija ta' attivitajiet ekonomiċi sostenibbli, proposta mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament ta' Tkabbir Sostenibbli, timmira li tidentifika u tikklassifika opportunitajiet relatati mal-klima.

Il-Figura 2 turi r-relazzjoni bejn ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima.

Figura 2

**Riskji u opportunitajiet relatati mal-klima**



**Ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima tul il-katina ta' valur**

Meta jirrapportaw dwar ir-riskji, id-dipendenzi u l-opportunitajiet relatati mal-klima tagħhom, il-kumpaniji għandhom, fejn rilevanti u proporzjonat, iqisu l-katina ta' valur kollha tagħhom, kemm upstream kif ukoll downstream. Għall-kumpaniji involuti fl-attivitajiet ta' manifattura dan ifisser li jiġi segwit approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott li jqis il-kwistjonijiet tal-klima fil-katina ta' provvista u l-provvista ta' materja prima, kif ukoll matul l-użu tal-prodott u meta l-prodott jasal fit-tmiem tal-ħajja tiegħu. Il-kumpaniji li jipprovdu s-servizzi, inklużi servizzi finanzjarji, ukoll se jkollhom iqisu l-impatti klimatiċi tal-attivitajiet li huma jappoġġjaw jew jiffaċilitaw.

Meta l-SMEs ikunu parti mill-katina ta' valur, il-kumpaniji jiġu mħeġġa jappoġġjawhom billi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa.

#### 2.4. L-istruttura tad-divulgazzjonijiet proposti

Dawn il-linji gwida jipproponu divulgazzjonijiet relatati mal-klima għal kull wieħed mill-ħames oqsma ta' rappurtar elenkati fid-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju: (a) mudell tan-negozju (b) politiki u diliġenza dovuta (c) eżitu tal-politiki (d) riskji prinċipali u mmaniġġjar tar-riskji u (e) indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

Għal kull qasam ta' rappurtar, il-linji gwida jidentifikaw għadd limitat ta' divulgazzjonijiet rakkomandati. Kumpanija għandha tqis l-użu ta' divulgazzjonijiet rakkomandati sa fejn dawn ikunu meħtieġa għal fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni, il-pożizzjoni u l-impatt tal-attivitajiet tagħha.

Gwida ulterjuri hija pprovduta wara d-divulgazzjonijiet rakkomandati għal kull qasam ta' rappurtar. Il-gwida ulterjuri tikkonsisti minn suġġerimenti għal informazzjoni aktar dettaljata li l-kumpaniji jistgħu jqisu inkluż bħala parti mid-divulgazzjonijiet rakkomandati. Barra minn hekk, gwida ulterjuri hija pprovduta għall-banek u għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni fl-Anness I.

Meta jiddeċiedu jekk jużawx u sa fejn jużaw id-divulgazzjonijiet rakkomandati u s-suġġerimenti aktar dettaljati inklużi fil-gwida ulterjuri, inkluża l-gwida ulterjuri għall-banek u għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni fl-Anness I, il-kumpaniji għandhom iqisu l-prinċipji ta' rappurtar mhux finanzjarju tajjeb inkluż fil-Linji Gwida Mhux Vinkolanti tal-2017 tal-Kummissjoni dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, inklużi l-prinċipji dwar l-informazzjoni divulgata jiġifieri: materjali; ġusta, ibbilanċjata u komprensibbli; u komprensiva iżda konċiża.

Id-daqs tar-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima li tidentifika l-kumpanija se jkunu fattur importanti biex jiġi deċiż jekk jużawx u sa fejn jużaw id-divulgazzjonijiet rakkomandati u l-gwida ulterjuri.

#### 2.5. Konsistenza mal-oqfsa u l-istandards ta' rappurtar rikonoxxuti

Il-kumpaniji huma mħeġġa jiddivulgaw l-informazzjoni skont l-istandards u l-oqfsa ta' rappurtar aċċettati b'mod wiesa' sabiex jimmassimizzaw il-komparabbiltà għall-partijiet ikkonċernati tagħhom. Bħala kontribut għall-konverġenza fil-livell globali u fil-livell tal-UE, dawn il-linji gwida jirreferu għal għadd ta' oqfsa u standards ta' rappurtar rikonoxxuti.

Huma jinkorporaw, b'mod partikolari, id-divulgazzjonijiet rakkomandati tat-Task-Force dwar id-Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima (TCFD), li huma allinjati ma' oqfsa prinċipali oħra. Id-divulgazzjonijiet irrakkomandati mit-TCFD huma identifikati b'mod separat f'dawn il-linji gwida. L-Anness II juri r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju mmappjati mad-divulgazzjonijiet irrakkomandati tat-TCFD.

Minbarra t-TCFD, dawn il-linji gwida jqisu wkoll b'mod partikolari l-istandards u l-oqfsa żviluppanti mill-Inizjattiva għar-Rappurtar Globali (Global Reporting Initiative, GRI), mis-CDP, mill-Bord tal-Istandards ta' Divulgazzjoni dwar il-Klima (Climate Disclosure Standards Board, CDSB), mill-Bord tal-Istandards ta' Kontabbiltà tas-Sostenibbiltà (SASB) u mill-Kunsill Internazzjonali għar-Rappurtar Integrat (IIRC) u mill-Iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS).<sup>(19)</sup>

### 3. DIVULGAZZJONIJIET IRRAKKOMANDATI U GWIDA ULTERJURI

#### 3.1. Mudell tan-Negozju

Huwa importanti ħafna li l-partijiet ikkonċernati jifhmu l-opinjoni tal-kumpanija dwar kif it-tibdil fil-klima jaffettwa l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħha, u kif l-attivitajiet tagħha jistgħu jaffettwaw il-klima, fuq perjodu qasir, medju u twil. Sabiex jirrapportaw b'mod adegwat dwar materji relatati mal-klima, il-kumpaniji se jkollhom bżonn jadottaw perspettiva aktar fit-tul milli normalment jadottaw għar-rappurtar finanzjarju.

Ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima ta' kumpanija jiddependu fuq it-tip ta' attività tagħha, il-postijiet ġeografiċi tagħha u l-ippożizzjonar tagħha fit-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

<sup>(19)</sup> Id-Djalogu dwar ir-Rappurtar Korporattiv qed iwettaq ħidma sabiex id-divulgazzjonijiet relatati mal-klima tal-IIRC, tas-SASB, tal-GRI, tas-CDP u tas-CDSB jiġu allinjati aħjar. Huwa rrakkomandat li l-kumpaniji jqisu din il-ħidma meta tkun lesta.

Sabiex jinkorporaw b'mod xieraq l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fil-proċessi tal-ippjanar tagħhom, il-kumpaniji għandhom iqisu kif ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima jistgħu jevolvu u l-implikazzjonijiet potenzjali tan-negozju tagħhom f'kundizzjonijiet differenti. Mod wieħed kif tali implikazzjonijiet jiġu vvalutati huwa permezz tal-użu ta' analiżi tax-xenarju.

Kumpaniji li ma jqisux b'mod xieraq il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħhom fid-dawl tat-tibdil fil-klima jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fuq il-klima u jesperjenzaw impatti negattivi fuq in-negozju tagħhom b'hal fuq ir-rapport tal-introjt, il-finanzjament, il-piż regolatorju futur u l-"liċenzja biex topera". Min-naħa l-oħra, l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ġodda relatati mal-klima tista' ssaħħaħ il-mudell tan-negozju u l-prospettiva tal-qligħ ta' kumpanija.

Tabella 1

### Divulgazzjoni dwar Mudell tan-Negozju

Iddeskrivi l-impatt tar-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima fuq il-mudell, l-istrateġija u l-ippjanar finanzjarju tan-negozju tal-kumpanija. [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar l-Istrateġija b)]

Iddeskrivi l-modi li bihom il-mudell tan-negozju tal-kumpanija jista' jaffettwa l-klima b'mod pożittiv u negattiv.

Iddeskrivi r-reżiljenza tal-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija, filwaqt li tqis xenarji differenti relatati mal-klima f'perjodi ta' żmien differenti, inkluż mill-anqas xenarju ta' 2 °C jew anqas u xenarju ta' aktar minn 2 °C. <sup>(20)</sup> [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar l-Istrateġija c)]

#### Gwida ulterjuri:

- Iddeskrivi kwalunkwe bidla fil-mudell u fl-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija sabiex jiġu indirizzati r-riskji ta' tranżizzjoni u fiżiċi u sabiex jiġu sfruttati opportunitajiet tan-negozju relatati mal-klima.
- Iddeskrivi d-dipendenzi tal-kumpanija fuq il-kapitali naturali, b'hal-ilm, l-art, l-ekosistemi jew il-bijodiversità li jin-sabu f'riskju minħabba t-tibdil fil-klima.
- Iddeskrivi kif kwalunkwe bidla fil-mudell u fl-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija sabiex tiġi indirizzata l-mitigazzjoni u/jew l-adattament għat-tibdil fil-klima se tibdel il-ħtiġijiet tal-kapital uman tal-kumpanija.
- Iddeskrivi l-opportunitajiet relatati mal-efċjenza fir-riżorsi u l-iffrankar tal-kostijiet, l-adozzjoni ta' sorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet, l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda, l-aċċess għal swieq ġodda, u l-bini ta' reżiljenza tul il-katina ta' valur.
- Iddivulga kif il-kumpanija għażlet ix-xenarji.
- Iddeskrivi kif l-attivitajiet tal-kumpanija jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima permezz tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż mid-deforestazzjoni, mid-degradazzjoni tal-foresti jew mill-bidla fl-użu tal-art.

#### 3.2. Politiki u Proċessi ta' Diligjenza Dovuta

Is-sistemi ta' governanza u kontroll huma fundamentali għall-fehim tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-robustezza tal-approċċ ta' kumpanija dwar kwistjonijiet relatati mal-klima. L-informazzjoni dwar l-involviment tal-bord u l-maniġment, b'mod partikolari r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fir-rigward tat-tibdil fil-klima, tinforma lill-partijiet ikkonċernati dwar il-livell ta' għarfien tal-kumpanija dwar kwistjonijiet relatati mal-klima. Meta tiddeskrivi r-rwol tal-bord, il-kumpanija jista' jkun li tkun tixtieq tagħmel referenza għal kwalunkwe dikjarazzjoni dwar it-tmexxija korporattiva li jkun meħtieġ li tippubblika.

<sup>(20)</sup> Il-kumpaniji huma mħeġġa jqsu xenarju ta' 1,5 °C, fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC. Għal aktar informazzjoni dwar kif titwettaq analiżi tax-xenarju biex tiġi vvalutata r-reżiljenza strateġika ta' kumpanija, ara s-Suppliment Tekniku tat-TCFD "The Use of Scenario Analysis in Disclosure of Climate-related Risks and Opportunities" (L-Użu ta' Analiżi tax-Xenarju fid-Divulgazzjoni ta' Riskji u Opportunitajiet relatati mal-Klima) <https://www.fsb-tcfd.org/wp-content/uploads/2017/06/FINAL-TCFD-Technical-Supplement-062917.pdf>.

Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jkunu interessati wkoll fil-politiki tal-kumpanija u kwalunkwe miri assoċjati li juru l-impenn tagħha lejn il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u fil-proċessi ta' diliġenza dovuta tagħha. Dan se jgħin lill-partijiet ikkonċernati jifhmu l-kapaċità tal-kumpanija li timmaniġġja n-negozju tagħha biex timminimizza r-riskju relatat mal-klima, tillimita l-impatti negattivi fuq il-klima u timmassimizza l-impatti pożittivi tul il-katina ta' valur.

Il-politiki u l-proċessi li jindirizzaw suġġetti relatati mal-klima jistgħu jkunu separati minn politiki u proċessi operazzjonali oħra jew integrati fihom. Il-proċessi ta' diliġenza dovuta li jqisu l-klima, pereżempju, jistgħu jiġu integrati fil-qafas tal-immaniġġjar tar-riskji tal-kumpanija. Il-kumpanija jista' jkun li tkun tixtieq tispjega l-approċċ tagħha dwar l-immaniġġjar ta' kwistjonijiet relatati mal-klima u r-raġunament għall-għażla ta' dan l-approċċ.

#### Tabella 2

### Divulgazzjoni dwar il-Politiki u l-Proċessi ta' Diliġenza Dovuta

Iddeskrivi kwalunkwe politika tal-kumpanija relatata mal-klima, inkluż kwalunkwe politika dwar il-mitigazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Iddeskrivi kwalunkwe mira relatata mal-klima li l-kumpanija stabbiliet bħala parti mill-politiki tagħha, speċjalment kwalunkwe mira dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u kif il-miri tal-kumpanija huma relatati mal-miri nazzjonali u internazzjonali u b'mod partikolari mal-Ftehim ta' Pariġi.

Iddeskrivi s-sorveljanza tal-bord ta' riskji u opportunitajiet relatati mal-klima. [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar il-Governanza a)]

Iddeskrivi l-irwol tal-maniġment fil-valutazzjoni u fl-immaniġġjar ta' riskji u opportunitajiet relatati mal-klima u spjega r-raġunament għall-approċċ. [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar il-Governanza b)]

#### Gwida ulterjuri:

- Iddeskrivi l-ingaġġ tal-kumpanija mal-katina ta' valur tagħha dwar kwistjonijiet relatati mal-klima; waqt li tispjega kif din tinvolvi ruħha ma' sħab upstream u downstream biex tippromwovi l-mitigazzjoni u/jew l-adattament għat-tibdil fil-klima.
- Spjega kif kwistjonijiet relatati mal-klima jiġu integrati fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali tal-kumpanija.
- Iddeskrivi kwalunkwe ingaġġ tal-politika pubblika dwar kwistjonijiet relatati mal-klima li twettaq il-kumpanija, inkluż is-sħubija ta' kwalunkwe organizzazzjoni jew grupp ta' interess rilevanti.
- Iddeskrivi jekk, kif u kemm (b'mod partikolari l-bord u l-maniġment) il-kumpanija għandha aċċess għall-għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-klima, mill-kapaċità interna tagħha stess u/jew minn sorsi esterni.
- Iddeskrivi kwalunkwe politika tal-impjegati li hija relatata mal-klima, pereżempju investimenti f'ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni għal teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jew miżuri biex jiġi żgurat li l-impjegati jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod sigur fi klima li qed tinbidel.
- Iddeskrivi jekk u kif il-politika ta' remunerazzjoni tal-kumpanija tqis il-prestazzjoni relatata mal-klima, inkluż il-prestazzjoni skont il-miri stabbiliti.
- Iddivulga kwalunkwe mira relatata mal-enerġija li l-kumpanija stabbiliet bħala parti mill-politiki tagħha (ara t-Taqsima 3.5).
- Spjega r-raġunament wara l-għażla ta' kwalunkwe mira relatata mal-klima użata mill-kumpanija.
- Fil-każ ta' kumpaniji tas-settur tal-art, iddeskrivi kwalunkwe mira relatata ma' "bjar" tal-gassijiet serra (assorbiment tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra).

#### 3.3. Eżiti

Id-divulgazzjoni ta' eżiti ta' politika relatati mal-klima tgħin lill-partijiet ikkonċernati jimmonitorjaw u jivvalutaw l-iżvilupp, il-pożizzjoni, il-prestazzjoni u l-impatt ta' kumpanija bħala riżultat tal-politiki tagħha. Billi tivvaluta l-prestazzjoni tagħha permezz tal-istabbiliment tal-miri u r-rappurtar dwar il-miri, il-kumpanija turi l-konsistenza tal-istrateġija, l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha relatati mat-tibdil fil-klima.

Aspetti kwantitattivi, bħal indikaturi li jappoġġjaw l-analiżijiet, huma koperti fit-*Taqsim* 3.5 *Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni ta' dawn il-linji gwida*.

Tabella 3

### Divulgazzjoni dwar l-Eżiti

Iddeskrivi l-eżiti tal-politika tal-kumpanija dwar it-tibdil fil-klima, inkluż il-prestazzjoni tal-kumpanija mal-indikaturi użati u l-miri stabbiliti biex jiġu mmaniġġjati r-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima. [Tkopri l-Metriċi u l-miri c) tat-TCFD].

Iddeskrivi l-iżvilupp tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mal-miri stabbiliti u r-riskji relatati maż-żmien. [Tkopri l-Metriċi u l-miri b) tat-TCFD].

#### Gwida ulterjuri:

— Iddeskrivi kif il-prestazzjoni tal-kumpanija rigward il-klima tinfluwenza l-prestazzjoni finanzjarja tagħha, fejn possibbli b'referenza għall-KPI finanzjarji.

#### 3.4. Riskji Prinċipali u l-Immaniġġjar tagħhom

Huwa importanti ħafna għall-investituri u għall-partijiet interessati tagħhom li jkunu jafu kif il-kumpanija tidentifika riskji relatati mal-klima, ir-riskji prinċipali li identifika, u kif timmaniġġja dawk ir-riskji.

Id-divulgazzjonijiet dwar ir-riskji għandhom jinkludu riskji tal-kumpanija li għandhom impatt negattiv fuq il-klima u riskji tat-tibdil fil-klima li għandhom impatt negattiv fuq il-kumpanija (riskji ta' tranżizzjoni u fiżiċi), u jekk u kif dawn it-tnejn huma marbutin. Huwa rakkomandat li l-kumpaniji jqisu d-definizzjonijiet tar-riskji mogħtija fit-*Taqsim* 2.3 meta jiddeċiedu liema informazzjoni se jiddivulgaw rigward ir-riskji.

Meta jiddivulgaw informazzjoni dwar riskji relatati mal-klima, il-kumpaniji għandhom iqisu perjodi ta' żmien itwal milli normalment jużaw għar-riskji finanzjarji.

Il-lakuni fid-*data* u fil-metodoloġiji f'xi każijiet jistgħu jagħmluha diffiċli li tiġi ppreżentata informazzjoni kwantitattiva dwar riskji relatati mal-klima, speċjalment fir-rigward ta' perjodi ta' żmien itwal. F'tali każijiet, il-kumpaniji huma mħeġġa jippreżentaw informazzjoni kwalitattiva sakemm dawn il-kwistjonijiet dwar id-*data* u metodoloġiċi jiġu indirizzati b'mod adegwat.

Tabella 4

### Id-Divulgazzjoni dwar ir-Riskji Prinċipali u l-Immaniġġjar Tagħhom

Iddeskrivi l-proċessi tal-kumpanija għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' riskji relatati mal-klima fuq perjodu qasir, medju u twil u ddivulga kif il-kumpanija tiddefinixxi perjodu qasir, medju u twil.<sup>(21)</sup> [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar l-Immaniġġjar tar-riskji a)]

Iddeskrivi r-riskji prinċipali relatati mal-klima li l-kumpanija identifika fuq perjodu qasir, medju u twil tul il-katina ta' valur, u kwalunkwe preżunzjoni li tkun saret waqt l-identifikazzjoni ta' dawn ir-riskji. [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar l-Istrateġija a)]. Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi r-riskji prinċipali li jirriżultaw minn kwalunkwe dipendenza fuq il-kapitali naturali mhedda mit-tibdil fil-klima, bħall-ilma, l-art, l-ekosistemi jew il-bijodiversità.

Iddeskrivi l-proċessi għall-immaniġġjar tar-riskji relatati mal-klima (jekk applikabbli kif jieħdu d-deċizzjonijiet biex jimmitigaw, jittrasferixxu, jaċċettaw, jew jikkontrollaw dawn ir-riskji), u kif il-kumpanija qed timmaniġġja r-riskji partikolari relatati mal-klima li identifika. [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar l-Immaniġġjar tar-riskju b)]

Iddeskrivi kif il-proċessi għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, u l-immaniġġjar tar-riskji relatati mal-klima huma integrati fl-immaniġġjar tar-riskji globali tal-kumpanija. [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD dwar l-Immaniġġjar tar-Riskju c)]. Aspett importanti ta' din id-deskrizzjoni huwa kif il-kumpanija tiddetermina s-sinifikat relattiv tar-riskji relatati mal-klima fir-rigward ta' riskji oħra.

<sup>(21)</sup> Id-definizzjoni ta' perjodu qasir, medju u twil aktarx tiddependi fuq il-mudell tan-negozju tal-kumpanija u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tagħha.

**Gwida ulterjuri:**

- Iddeskrivi kwlaunkwe miżuri ta' adattament dwar il-klima li ħadet il-kumpanija bħala parti mill-proċess ta' mmaniġġjar tar-riskju.
- Aġhti deskrizzjoni dettaljata tar-riskji prinċipali relatati mal-klima skont l-attività kummerċjali.
- Aġhti deskrizzjoni dettaljata tar-riskji prinċipali relatati mal-klima skont il-post ġeografiku.
- Identifika l-postijiet li huma kritiċi għall-katini ta' valur, inklużi operazzjonijiet, fornituri u swieq.
- Iddeskrivi kif il-kumpanija tistabbilixxi u tapplika l-limiti għar-riskji relatati mal-klima, inklużi kwalunkwe passi li jittieħdu biex kwistjonijiet jittellgħu għall-attenzjoni tal-maniġment.
- Iddeskrivi l-proċessi għall-prijoritizzazzjoni ta' riskji relatati mal-klima, inklużi kwalunkwe livell limitu applikat u indika liema riskji tul il-katina ta' valur jitqiesu bħala l-aktar sinifikanti.
- Ikkategorizza r-riskji prinċipali tat-tibdil fil-klima dwar il-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpanija skont jekk humiex riskji ta' tranżizzjoni (riskji ta' politika, legali, teknoloġiċi, tas-suq u reputazzjonali) jew riskji fiżiċi (riskji akuti u kroniċi).
- Iddivulga kwalunke mmappjar tar-riskji li jinkludi kwistjonijiet relatati mal-klima.
- Ipprovi definizzjonijiet għat-terminoloġija tar-riskji użata jew referenzi għal oqfsa tal-klassifikazzjoni tar-riskju eżistenti użati.
- Iddeskrivi l-frekwenza ta' reviżjonijiet u analiżijiet fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji.
- Iddeskrivi r-rabtiet bejn ir-riskji prinċipali relatati mal-klima u l-KPI finanzjarji.
- Iddivulga kif ix-xenarji u/jew l-ipprezzar intern tal-karbonju jintużaw għal azzjonijiet ta' mmaniġġjar tar-riskji bħall-mitigazzjoni, it-trasferiment jew l-adattament.
- Iddivulga l-impatti finanzjarji ta' avvenimenti tat-temp estremi, inklużi indikaturi possibbli dwar jiem ta' interruzzjonijiet fin-negozju u kostijiet assoċjati, kostijiet ta' tiswijiet, indeboliment ta' assi fissi, tfixkil fil-katina ta' valur u dħul mitluf.
- Iddeskrivi kif il-prestazzjoni tal-kumpanija tiġi affettwata mill-varjabbiltà tat-temp, b'mod partikolari għal kumpaniji sensittivi għall-varjabbiltà fit-temperatura u l-preċipitazzjoni.

**3.5. Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni**

Skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, il-kumpaniji għandhom jiddivulgaw indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni rilevanti għan-negozji partikolari tagħhom. Huma għandhom iqisu l-użu ta' indikaturi sabiex jappoġġjaw id-divulgazzjonijiet l-oħra tagħhom relatati mal-klima, bħal dawk relatati mal-eżiti jew ir-riskji prinċipali u l-immaniġġjar tagħhom, u biex jippermettu l-aggregazzjoni u l-komparabbiltà bejn il-kumpaniji u l-ġurisdizzjonijiet. L-indikaturi għandhom jiġu integrati ma' divulgazzjonijiet oħra sabiex jappoġġjaw u jispjegaw in-narrattiva. Madanakollu, hija meqjusa wkoll Prattika tajba li tiġi ppubblikata tabella addizzjonali li tippreżenta l-indikaturi kollha f'post wieħed.

Sabiex jintlaħqu l-aspettattivi tat-TCFD, il-kumpaniji għandhom jiddivulgaw l-indikaturi u l-miri użati mill-kumpanija biex jiġu vvalutati r-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima f'konformità mal-istrateġija u mal-proċessi ta' mmaniġġjar tar-riskju tagħhom [Tkopri r-rakkomandazzjoni tat-TCFD Metriċi u miri a)].

Ir-robustezza u l-affidabbiltà tad-*data* huma fundamentali biex l-informazzjoni tkun tista' tintuża fi proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Meta ma tkunx preżenti, il-kumpaniji għandhom jipprovidu deskrizzjoni ta' u kwalunkwe bidla fil-metodoloġiji użati fil-kalkolu jew l-istima tal-indikaturi.

**Indikaturi rakkomandati <sup>(22)</sup>**

Skont il-valutazzjoni tal-materjalità tal-kumpanija u sabiex tiġi ffaċilitata komparabbiltà akbar tad-divulgazzjonijiet tal-informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji, il-kumpaniji għandhom iqisu li jiddivulgaw l-indikaturi f'din it-taqsim.

<sup>(22)</sup> Sabiex tittejjeb l-użabbiltà, f'din it-taqsim hija pprovduta gwida ulterjuri rilevanti immedjatament wara kull indikatur irrakkomandat.

## L-emissjonijiet ta' gassijiet serra

Din it-taqsimha fiha erba' indikaturi differenti dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra: emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra; emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni ta' elettriku, fwar, sħana, jew tkessiħ miksuba u kkunsmati; l-emissjonijiet indiretti kollha l-oħra ta' gassijiet serra li jokkorru fil-katina ta' valur tal-kumpanija ta' rappurtar; u l-mira ta' emissjonijiet assoluti ta' gassijiet serra. Il-kumpaniji li jiddeċiedu li jużaw kwalunkwe wieħed minn dawn l-indikaturi jew l-indikaturi kollha għandhom:

- jikkalkulaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom f'konformità mal-metodoloġija tal-Protokoll tal-Gassijiet Serra jew l-istandards ISO 14064-1:2018 u, fejn xieraq, mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 179/2013 għall-metodi komuni dwar il-kejl tal-prestazzjoni tal-gassijiet serra skont approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja (l-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni u l-Impronta Ambjentali tal-Prodott). Dan se jippermetti l-aggregazzjoni u l-komparabbiltà bejn il-kumpaniji u l-ġurisdizzjonijiet;
- indika l-istatus ta' verifika/assicurazzjoni tal-partijiet terzi li japplika għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1, l-Ambitu 2 u l-Ambitu 3 irrappurtati tagħhom.

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
L-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra minn sorsi proprjetà ta' jew ikkontrollati mill-kumpanija (l-Ambitu 1)	Tunnellati metriċi ta' CO <sub>2</sub> e <sup>(23)</sup>	270 900 tCO <sub>2</sub> e	Dan il-KPI jiżgura li l-kumpaniji qed ikejlu l-marka tal-karbonju tagħhom minn emissjonijiet diretti b'mod preċiż.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-Kwestjonarju tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, GRI 305, il-qafas CDSB, SASB, EMAS	L-Iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS)  Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

### Gwida ulterjuri:

- Il-kumpaniji għandhom jiddivulgaw 100 % mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1 tagħhom. Dan se jgħin biex titjeb il-kwalità tar-rappurtar dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' kumpaniji oħra. Jekk kumpanija ma tkunx tista' tiġbor *data* affidabbli għal proporzjon mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1, din għandha tiegħu stima raġjonevoli għal dak il-proporzjon sabiex tasal għal ċifra għal 100 %. F'dak il-każ, il-kumpanija għandha tiddivulga wkoll (1) il-% tal-emissjonijiet li għalih tkun inġabret *data* affidabbli u l-% tal-emissjonijiet li jkunu ġew stmati, (2) ir-raġunijiet għaliex ma setgħetx tinġabar *data* affidabbli għal proporzjon tal-emissjonijiet u (3) il-metodoloġija użata biex jiġi stmat il-proporzjon ta' emissjonijiet li għalih ma setgħetx tinġabar *data* affidabbli.
- Fejn xieraq, il-kumpaniji għandhom iqisu d-divulgazzjoni ta' analiżi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1 skont il-pajjiż jew ir-reġjun (inkluża l-UE), skont l-attività tan-negozju, u skont is-sussidjarja. Eż.: L-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1 fil-pajjiż/reġjun X 42 260 tCO<sub>2</sub>e, fil-pajjiż/reġjun Y 54 180 tCO<sub>2</sub>e.

<sup>(23)</sup> Ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju jew ekwivalenti għas-CO<sub>2</sub> (CO<sub>2</sub>e) huwa kejl metriku użat fit-tqabbil tal-emissjonijiet minn diversi gassijiet serra abbażi tal-potenzjal tat-tisħin globali tagħhom, permezz tal-konverżjoni tal-ammonti ta' gassijiet oħra għall-ammont ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju bl-istess potenzjal ta' tisħin globali.

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
L-emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni ta' elettriku, fwar, sħana, jew tkessiġ miksuba u kkunsmati (li flimkien jissejġu "elettriku") (l-Ambitu 2)	Tunnellati metriċi ta' CO <sub>2</sub> e	632 400 tCO <sub>2</sub> e	Dan il-KPI jiżgura li l-kumpaniji qed ikejlu l-emissjonijiet minn elettriku, fwar, sħana u tkessiġ mixtrija jew miksuba.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-Kwestjonarju tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, GRI 305, il-qafas CDSB, EMAS	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

#### Gwida ulterjuri:

- Jekk ikun meħtieġ, il-kumpaniji għandhom jiddikjaraw jekk hemmx xi sorsi (eż. faċilitajiet, gassijiet serra speċifiċi, attivitajiet, ġeografiji, eċċ) tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 2 fil-limiti ta' rappurtar magħżula tagħhom li għaliha l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ma setgħux jinġabru jew jiġu stmati, u r-raġunijiet għal dan.
- Fejn xieraq, il-kumpaniji għandhom iqisu d-divulgazzjoni ta' analiżi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 2 skont il-pajjiż jew ir-reġjun (inkluża l-UE), skont l-attività tan-negozju, u skont is-sussidjarja. Eż.: L-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 2 fil-pajjiż/reġjun X 98 654 tCO<sub>2</sub>e, fil-pajjiż/reġjun Y tal-UE: 126 480 tCO<sub>2</sub>e.

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
L-emissjonijiet indiretti ta' gassijiet serra kollha (mhux inklużi fl-Ambitu 2) li jokkorru fil-katina ta' valur tal-kumpanija ta' rappurtar, inklużi l-emissjonijiet upstream kif ukoll dawk downstream (l-Ambitu 3)	Tunnellati metriċi ta' CO <sub>2</sub> e	4 383 000 tCO <sub>2</sub> e	Għall-biċċa l-kbira tal-kumpaniji, il-maġġoranza tal-emissjonijiet iseħħu indirettament minn attivitajiet tal-katina ta' valur. Dan il-KPI jgħin biex titkejjel ir-reqqa tal-proċessi ta' kontabbiltà tal-kumpaniji u biex wieħed jifhem kif il-kumpaniji qed janalizzaw il-marki tal-emissjonijiet tagħhom.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-Kwestjonarju tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, GRI 305, il-qafas CDSB, EMAS	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

#### Gwida ulterjuri:

- L-Ambitu 3 għandu jispjega l-emissjonijiet mill-attivitajiet li jseħħu "downstream" u "upstream" mill-operazzjonijiet proprji tal-kumpanija.
- Il-kumpaniji ma għandhom jeskludu l-ebda attività li tikkomprometti r-rilevanza tal-inventarju dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 3. L-Istandard ta' Kontabbiltà u ta' Rappurtar tal-Katina ta' Valur Korporattiva tal-Protokoll tal-Gassijiet Serra (l-Ambitu 3) u l-Anness H tal-ISO 14064-1:2018 jipprovdu kriterji għad-determinazzjoni tar-rilevanza. Il-kumpaniji għandhom jispjegaw kwalunkwe kategorija eskluża fid-divulgazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 3. Meta l-SMEs ikunu parti mill-katina ta' valur, il-kumpaniji jiġu mħeġġa jappoġġjawhom billi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa.



KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
Il-mira tal-emissjonijiet assoluti ta' gassijiet serra	Tunnellati metriċi ta' CO <sub>2</sub> e miksuba jew % ta' tnaqqis, mis-sena bażi	Tnaqqis ta' 20 % f'emissjonijiet assoluti, ekwivalenti għal tnaqqis ta' 1 500 000 tCO <sub>2</sub> e sal-2025 mis-sena bażi 2018	L-istabbiliment ta' miri jagħti direzzjoni u struttura lill-istrategġija ambjentali. Dan il-KPI jgħin biex wieħed jifhem l-impenji tal-kumpaniji lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet u jekk il-kumpanija jkollhiex objettiv li lejha qed tarmonizza u tiffoka sforzi relatati mal-emissjonijiet.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-Kwestjonarju tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, GRI 103-2 u 305, il-qafas CDSB, SASB, EMAS	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

### Gwida ulterjuri:

- Il-kumpaniji għandhom jiddeskrivu jekk il-mira/miri tagħhom hix relatata/humiex relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1, tal-Ambitu 2 u/jew tal-Ambitu 3 tagħhom kompletament jew parzjalment.
- Il-kumpaniji għandhom jiddeskrivu l-iżvilupp tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mal-miri stabbiliti (ara *t-Taqsima 3.3 Eżiti*).
- Il-kumpaniji għandhom iqisu l-istabbiliment ta' miri għall-2025 jew għall-2030 u jirrieżaminawhom kull ħames snin. Huma jistgħu jqisu wkoll l-istabbiliment ta' mira għall-2050 sabiex jallinjaw mal-Ftehim ta' Pariġi.
- Fejn xieraq, il-kumpaniji għandhom iqisu d-divulgazzjoni ta' miri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont il-pajjiż jew ir-reġjun (inkluża l-UE), skont l-attività tan-negozju, u skont is-sussidjarja.
- Il-kumpaniji jistgħu jqisu d-divulgazzjoni ta' mira ta' intensità addizzjonali espressa f'tunnellati metriċi ta' CO<sub>2</sub>e għal kull metriku tan-negozju jew % ta' tnaqqis ta' metrika tal-intensità, mis-sena bażi (eż. it-tnaqqis ta' 8 % f'emissjonijiet relattivi, ekwivalenti għal tnaqqis ta' 350 tCO<sub>2</sub>e kull EUR 1 miljun ta' dħul sal-2025 mis-sena bażi 2018).

### L-enerġija

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
Il-konsum u/jew il-produzzjoni totali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli	MWh	292 221 MWh ikkonsmati minn sorsi rinnovabbli; 1 623 453 MWh ikkonsmati minn sorsi mhux rinnovabbli	Il-konsum u l-produzzjoni tal-enerġija jirrappreżenta proporzjon importanti mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-Kwestjonarju tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, GRI 302, il-qafas CDSB, SASB, EMAS	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030; Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
-----	----------------	---------	------------	--	------------------------------------

### Gwida ulterjuri

- Il-fjuwils ikkonsmati bħala feedstock ma jinħarqux għall-finijiet ta' enerġija u ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkoli għal dan l-indikatur.
- Inkludi analiżi tas-sorsi differenti tal-enerġija rinnovabbli. Is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli huma dawk li jistgħu jiġu rikostitwiti b'mod naturali fuq perjodu ta' żmien uman, bħar-riħ, ix-xemx, l-ilma, ġeotermika, bijomassa, eċċ. Din id-definizzjoni teskludi l-fjuwils fossili kollha (faħam, żejt, gass naturali) u l-fjuwils nukleari. L-enerġija mill-iskart ma għandhiex tiġi inkluża jekk tkun derivata mill-fjuwils fossili. <sup>(24)</sup>
- Meta tiddivulga sorsi tal-enerġija mhux rinnovabbli, agħmel distinzjoni bejn sorsi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sorsi oħra tal-enerġija mhux rinnovabbli.

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
Mira tal-effiċjenza fl-enerġija	Perċentwal	Titjib ta' 6.5 % sal-2025 mis-sena bażi 2018 għall-prodott, l-output jew l-attività.	Dan il-KPI jgħin lill-utenti tad-data jifhmu l-ambizzjoni tal-kumpaniji li tuża l-enerġija b'mod aktar effiċjenti, li jista' jnaqqas il-kostijiet tal-enerġija tagħhom u jbaxxi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Huwa jipprovdi sfond ulterjuri dwar kif il-kumpanija timmira li tikseb il-miri ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tagħha.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-Kwestjonarju tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, GRI 103-2 u 302, SASB, EMAS	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030; Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija

### Gwida ulterjuri

- Il-kumpaniji għandhom jiddeskrivu l-progress mal-miri tal-enerġija stabbiliti (ara t-Taqsima 3.3 Eżiti).

<sup>(24)</sup> Definizzjoni ta' "enerġija rinnovabbli" mill-Gwida tar-Rappurtar dwar it-Tibdil fil-Klima tas-CDP għall-2018.

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
Il-mira tal-konsum u /jew tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli	Żieda ta' % tal-proporzjon ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata/prodotta mis-sena bażi	Żieda ta' 13 % tal-proporzjon ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata sal-2025 mis-sena bażi 2018	Dan il-KPI jgħin lill-utenti tad- <i>data</i> jifhmu l-ambizzjoni tal-kumpaniji li jipproduċu jew jikkunsmaw l-enerġija b'emissjonijiet ta' gassijiet serra aktar baxxi.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-Kwestjonarju tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, GRI 103-2 u 302, EMAS	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030; Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli

### Gwida ulterjuri

— Il-kumpaniji għandhom jiddeskrivu l-progress mal-miri tal-enerġija stabbiliti (ara *t-Taqsima 3.3 Eżiti*).

### Riskji fiżiċi

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
Assi impenjati f'reġjuni li aktarx se jsiru aktar esposti għal riskji tat-tibdil fil-klima fiżiċi akuti jew kroniċi	Perċentwal	15 % ta' valur kontabilistiku ta' assi reali skoperti	Avvenimenti ta' temp estrem jistgħu jwasslu għal interruzzjonijiet jew limitazzjonijiet fil-kapaċità ta' produzzjoni jew tnaqqis bikri ta' faċilitajiet operazzjonali. Il-valur tal-assi fl-oqfsa esposti għal żieda fit-temp jaffettwa l-implikazzjonijiet potenzjali għall-valwazzjoni tal-assi. Huwa importanti li dan il-KPI jiġi osservat flimkien mad-divulgazzjonijiet fir-rigward tal-istrateġiji u l-politiki ta' adattament tal-kumpanija.	Il-Metriċi u l-Miri tat-TCFD, il-kodiċijiet 450a.1 SASB kollha fi ħdan l-industriji magħżula	L-Istrateġija ta' Adattament tal-UE

### Gwida ulterjuri:

— Huwa rrakkomandat li l-kumpaniji jiddivulgaw is-sorsi jew il-metodoloġija li jkun użaw biex jidentifikaw reġjuni aktar esposti għal riskji fiżiċi relatati mal-klima.

## Prodotti u servizzi

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
<p>Fatturat perċentwali fis-sena ta' rappurtar minn prodotti jew servizzi assoċjati ma' attivitajiet li jissodisfaw il-kriterji għall-kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima kif stipulat fir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas sabiex jiġi ffaċilitat investment sostenibbli (tassonomija tal-UE).</p> <p>U / jew</p> <p>Investiment (CapEx) u/jew nefqiet (OpEx) perċentwali fis-sena ta' rappurtar għall-assi jew il-proċessi assoċjati mal-attivitajiet li jissodisfaw il-kriterji għall-kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima kif stipulat fir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas sabiex jiġi ffaċilitat investment sostenibbli (tassonomija tal-UE).</p>	Perċentwal	<p>12.5 % (dħul) minn prodotti jew servizzi assoċjati ma' attivitajiet li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima</p> <p>8 % (CapEx) fi prodotti assoċjati ma' attivitajiet li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima</p>	Dawn il-KPIs jipprovdu informazzjoni utli lill-investituri li huma interessati f'kumpaniji li l-prodotti u s-servizzi tagħhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima filwaqt li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġettivi ambjentali l-oħra tal-UE.	<p>Ir-Regolament Propost dwar l-istabbiliment ta' qafas sabiex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli</p> <p>Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament ta' tkabbir sostenibbli</p>

## Gwida ulterjuri

- *Il-kumpaniji għandhom jirrapportaw dwar dan l-indikatur jekk u meta r-Regolament propost dwar l-istabbiliment ta' qafas sabiex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli (tassonomija tal-UE) jiġi approvat. Waqt li jivvalutaw jekk attività tikkontribwixxix b'mod sostanzjali għaż-żewġ oġettivi ta' mitigazzjoni jew adattament għat-tibdil fil-klima tal-UE filwaqt li ma tagħmilx ħsara sinifikanti lil xi oġettiv ambjentali ieħor tal-UE, il-kumpaniji għandhom iqisu l-kriterji u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati fir-Regolament.*

## Finanzjament Ekoloġiku

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
<p><b>Il-Proporzjon ta' Bonds Ħodor relatati mal-Klima:</b></p> <p>L-ammont totali ta' bonds ħodor pendenti (fi tmiem is-sena) diviż bl-ammont totali ta' bonds pendenti (medja mobbli ta' 5 snin)</p> <p>u / jew,</p> <p><b>Il-Proporzjon ta' Dejn Aħdar relatat mal-Klima:</b></p> <p>L-ammont totali ta' strumenti tad-dejn aħdar pendenti kollha (fi tmiem is-sena) diviż bl-ammont totali tad-dejn kollu pendenti (medja mobbli ta' 5 snin).</p>	Perċentwal	20 % tal-bonds	Dawn il-KPIs jgħinu lill-kumpaniji jikkomunikaw kif il-pjan ta' tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju huwa appoġġjat minn attivitaġiet ta' finanzjament tad-dejn u kif jinġabar kapital għal proġetti eżistenti u ġodda b'benefiċċji tal-klima.	ISO/CD 14030-1  Bonds ħodor -- Il-prestazzjoni ambjentali ta' proġetti u assi nnominati (ABBOZZ)	Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament ta' tkabbir sostenibbli

### Gwida ulterjuri:

- L-ammont totali ta' bonds ħodor jew dejn aħdar għandu jinkludi biss bonds u strumenti ta' dejn maħruġa skont Standard ta' Bond Aħdar potenzjali tal-UE jekk u meta tali standard jiġi approvat, jew skont kwalunkwe qafas ta' bond aħdar rikonossut b'mod wiesa', bħall-Prinċipji tal-Bonds Ħodor u l-Prinċipji tas-Self Aħdar. Il-kumpaniji għandhom jispeċifikaw il-qafas ta' bond aħdar applikat.
- Għal emittenti ta' bonds li jkunu haġru bonds li mhumiex strumenti elenkati (eż. bħal pjazzamenti privati), għandha tiġi divulgata l-analiżi ta' dawk elenkati u dawk mhux elenkati.
- Il-kumpaniji għandhom iqisu wkoll li jipprovdu l-miri futuri relatati ma' dawn il-KPIs.

Barra mill-indikaturi ta' hawn fuq, il-kumpaniji għandhom iqisu wkoll dan li ġej:

- Indikaturi speċifiċi għas-settur rilevanti għall-industrija partikolari. Kumpaniji minn setturi li jinkludu iżda mhumiex limitati għal dawk tal-enerġija, tat-trasport, tal-materjali, tal-proprjetà immobbli, u tal-agrikoltura għandhom jirreferu għall-gwida supplimentari tat-TCFD għall-gruppi mhux finanzjarji u oqfsa ta' rappurtar oħra relatati mal-klima sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-KPIs irrappurtati fis-setturi u fil-kumpaniji. <sup>(25)</sup>
- Indikaturi dwar kwistjonijiet ambjentali relatati. Il-kumpaniji li l-mudelli tan-negozju tagħhom jiddependu fuq kapitali naturali mhedda mit-tibdil fil-klima jista' jkollhom bżonn jiddivulgaw indikaturi relatati ma' dawk il-kapitali naturali (eż. l-ilma, il-produttività tal-ħamrija jew il-bijodiversità). Il-kumpaniji b'impatti avversi fuq il-klima min-ħabba l-bidla fl-użu tal-art inkluż deforestazzjoni u degradazzjoni ta' foresti għandhom iqisu li jiddivulgaw indikaturi dwar dawn il-materji. <sup>(26)</sup>
- Indikaturi dwar kapital uman u kwistjonijiet soċjali relatati, bħat-taħriġ u r-reklutaġġ ta' impjegati.
- Indikaturi relatati ma' opportunitajiet. Kumpaniji li jinvolvu ruħhom fi tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, allinjati mal-politiki prinċipali tal-UE <sup>(27)</sup>, li qed iwettqu attivitajiet ta' mitigazzjoni/adattament għat-tibdil fil-klima li jistgħu jinbidlu f'opportunitajiet għall-kumpanija għandhom iqisu li jiddivulgaw KPIs li jirriflettu tali sforzi. Eżempji ta' dawn jistgħu jkunu d-dħul minn prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, dħul minn prodotti jew servizzi li japplikaw għall-mudell tal-ekonomija ċirkolari, u n-nefċiet fir-riċerka u l-iżvilupp fil-produzzjoni ta' ekonomija ċirkolari.

---

<sup>(25)</sup> TCFD (2017): L-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tat-Task-Force dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima, <https://www.fsb-tcf.org/wp-content/uploads/2017/06/FINAL-TCFD-Annex-062817.pdf>. Standards u oqfsa ta' rappurtar oħra li jipprovdu KPI speċifiċi għall-industrija dwar kwistjonijiet relatati mal-klima jinkludu l-Kwestjonarji tas-CDP dwar it-Tibdil fil-Klima, is-Sigurtà tal-Ilma u l-Foresti, il-GRI 305: Emissjonijiet 2016 u l-GRI 302: L-Istandards tal-enerġija għall-2016 jew l-standards tal-industrija tas-SASB.

<sup>(26)</sup> Gwida addizzjonali tista' tinstab fis-Sett ta' Għodod tal-Protokoll tal-Kapital Naturali <https://naturalcapitalcoalition.org/protocol-toolkit/> u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 179/2013 għall-metodi komuni dwar il-kejl tal-prestazzjoni tal-gassijiet serra skont approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja (Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni u Impronta Ambjentali tal-Prodott).

<sup>(27)</sup> Bħall-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet jew il-Pakkett dwar it-Trasport Nadif. Għal aktar dettalji, ara [https://ec.europa.eu/clima/policies/strategies/2050\\_en](https://ec.europa.eu/clima/policies/strategies/2050_en).

## ANNEX I

**Gwida ulterjuri għall-banek u għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni**

Ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju japplikaw għal kumpaniji, banek u kumpaniji tal-assigurazzjoni kbar elenkati. Id-Direttiva timponi l-istess rekwiżiti fuq il-kumpaniji kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, irrispettivament mis-settur li joperaw fih. Hija għalhekk ma timponix rekwiżiti addizzjonali fuq il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni meta mqabbla ma' kumpaniji oħra.

Id-divulgazzjonijiet proposti fit-*Taqsim* 3 huma għall-kumpaniji kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, irrispettivament mis-settur ta' attività tagħhom, inklużi banek u kumpaniji tal-assigurazzjoni. Il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom iħarsu lejn id-divulgazzjonijiet rakkomandati skont it-*Taqsim* 3 mill-perspettiva partikolari tal-attivitajiet tan-negozju tagħhom, inkluż is-self, l-investment, is-sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni, u l-attivitajiet tal-immaniġġjar ta' assi.<sup>(1)</sup> Dan l-anness jimmira li jgħin lill-banek u lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni f'dan l-eżerċizzju, u fih gwida ulterjuri għalihom biex jikkunsidraw jużawha, fejn xieraq, meta jid-divulgaw l-informazzjoni rakkomandata fit-*Taqsim* 3.

Dan l-anness ma jindirizzax kumpaniji oħra tas-settur finanzjarju, bħal kumpaniji tal-immaniġġjar ta' assi jew fondi providenti, minħabba li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju. Tali kumpaniji jistgħu madanakollu jsibu xi wħud mid-divulgazzjonijiet proposti f'dan l-anness utli.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament ta' Tkabbir Sostenibbli jqiegħed enfażi partikolari fuq l-importanza sistematika tas-settur finanzjarju billi jippermetti t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. B'kuntrast mal-biċċa l-kbira tal-kumpaniji, il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni huma kemm fornituri kif ukoll utenti ta' informazzjoni relatata mal-klima. Il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni jistgħu jaggravaw ir-riskji relatati mal-klima jekk l-investimenti u l-politiki ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tagħhom jappoġġjaw l-attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima permezz tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż mid-deforestazzjoni, mid-degradazzjoni tal-foresti jew mill-bidla fl-użu tal-art. Inkella, jistgħu jippromwovu t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u jżidu l-għarfien dwar it-tranżizzjoni billi jintegraw evalwazzjoni tal-impatt potenzjali fuq it-tibdil fil-klima tal-investimenti, self u kuntratti tal-assigurazzjoni prospettivi tagħhom fil-politiki u fil-proċeduri tagħhom.

Fejn xieraq, il-gwida ulterjuri stabbilita hawn taħt tagħmel distinzjoni bejn id-divulgazzjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti għall-banek u għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni kollha, u d-divulgazzjonijiet li jkunu rilevanti biss għal attività tan-negozju partikolari (self, investment, sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni jew immaniġġjar ta' assi).

**1. Mudell tan-Negozju**

Il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom iqisu li jinkludu l-informazzjoni li ġejja bħala parti mid-divulgazzjonijiet rakkomandati fil-Mudell tan-Negozju fit-*Taqsim* 3:

- Kif ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima tal-portafolli ta' investment, ta' self u ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni jistgħu jaffettwaw il-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni finanzjarja.
- Jekk u kif l-istituzzjoni tqis li l-kontropartijiet tagħha jieħdu inkonsiderazzjoni riskji u opportunitajiet relatati mal-klima.
- Kif il-valutazzjoni tar-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima tiġi inkluża fl-istrateġiji ta' investment, self u sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni rilevanti u kif kull strateġija tista' tiġi affettwata mit-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni: kif l-impatti potenzjali mit-tibdil fil-klima jistgħu jinfluwenzaw lid-detentur ta' polza, lill-kumpanija ċedenti, lir-riassiguratur u l-għażla tagħhom mill-kumpanija tal-assigurazzjoni.

<sup>(1)</sup> L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jaqraw u jużaw dawn id-divulgazzjonijiet proposti b'attenzjoni dovuta għal kwalunkwe rekwiżit legali rigward il-kunfidenzjalità.

## 2. **Politiki u Proċessi ta' Diliġenza Dovuta**

Il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja bħala parti mid-divulgazzjonijiet rakkomandati dwar il-Politiki u l-proċessi ta' diliġenza dovuta fit-*Taqsim* 3:

- Kif l-istituzzjoni finanzjarja tħeġġeġ divulgazzjoni u prattiki aħjar relatati ma' riskji relatati mal-klima biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-*data* u kwalunkwe sforz biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-kontropartijiet, u b'mod aktar ġenerali tal-konsumaturi, tar-rilevanza ta' kwistjonijiet relatati mal-klima bħala parti mill-proċessi ta' self, investment, u sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tagħhom, inkluż pereżempju permezz ta' servizzi ta' konsulenza ta' speċjalità relatati mal-klima.
- Kwalunkwe attività ta' dispensar relatata mal-istrateġija dwar il-klima tal-istituzzjoni finanzjarja bħal impenji ma' kumpaniji, eżiti u votazzjoni b'delega (eż. riżoluzzjonijiet ippreżentati jew appoġġjati).
- Kwalunkwe portafoll ta' investment, self u sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u kwalunkwe mira rilevanti f'dan ir-rigward, eż. f'termini ta' dħul tal-assigurazzjoni relatat mal-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- Attivitajiet ta' investment: kif kwistjonijiet relatati mal-klima jitqiesu bħala motivaturi ta' valur fil-proċess tad-deċiżjoni ta' investment ta' istituzzjoni finanzjarja.
- Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni: jekk prodotti speċifiċi relatati mal-klima humiex qed jiġu żviluppati, bħas-sottoskrizzjoni tar-riskji ta' infrastruttura ħadra u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura <sup>(?)</sup>.
- Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni: jekk kwalunkwe prodott ta' assicurazzjoni tal-ħajja tal-kumpanija jinkorporax konsiderazzjonijiet tal-klima fl-immudellar tar-riskji bijometriċi (Ħajja).
- Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni: jekk il-kumpanija tal-assigurazzjoni tiffurmax parti minn sħubiji pubbliċi-privati biex tippromwovi s-sensibilizzazzjoni dwar riskji relatati mal-klima, investimenti għar-reżiljenza għar-riskju ta' diżastri u/jew l-adattament għall-klima.
- Attivitajiet tal-immaniġġjar ta' assi: kif konsiderazzjonijiet relatati mal-klima huma mnaqqxa fil-valutazzjonijiet ta' idoneità sabiex wieħed jifhem il-preferenzi u l-għarfien tal-konsumaturi rigward riskji u opportunitajiet relatati mal-klima.
- Attivitajiet tal-immaniġġjar ta' assi: kif l-istituzzjoni finanzjarja tiżgura li l-prestazzjoni relatata mal-klima tagħha hija allinjata mal-istrateġija tal-klima tal-klijenti tagħha.
- Attivitajiet tal-immaniġġjar ta' assi: il-miri assoċjati mal-iskopertura relatata mal-klima ta' assi mmaniġġjati bejn klasijiet ta' assi (eż. ekwità / bonds / infrastruttura / proprjetà immobbli / prodotti strutturati / MBS / derivattivi).

## 3. **Eżiti**

Il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom iqisu li jinkludu l-informazzjoni li ġejja bħala parti mid-divulgazzjonijiet rakkomandati f'Eżiti fit-*Taqsim* 3:

- Ix-xejra tal-iżvilupp tal-ammont ta' assi relatati mal-karbonju fil-portafolli differenti mal-mira rilevanti stabbilita u r-riskji relatati maż-żmien.
- Ix-xejra tal-iżvilupp tal-intensità medja ponderata ta' karbonju għall-portafolli differenti mal-mira rilevanti stabbilita u r-riskji relatati maż-żmien. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiddivulgaw il-bidliet fis-settur u l-allokkazzjoni ġeografika tal-investimenti tagħhom meta mqabbla mas-sena ta' rappurtar preċedenti u jispjegaw l-impatt ta' dawn il-bidliet fuq l-intensità medja ppeżata tal-karbonju tal-portafolli tagħhom.

## 4. **Riskji u Mmaniġġjar tar-riskji**

Il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom iqisu li jinkludu l-informazzjoni li ġejja bħala parti mid-divulgazzjonijiet rakkomandati dwar ir-Riskji u l-immaniġġjar tar-riskji fit-*Taqsim* 3:

- Jekk il-proċessi tal-immaniġġjar tar-riskji, inkluż l-ittestjar tal-istress intern, iqisux ir-riskji relatati mal-klima.

<sup>(?)</sup> <http://ec.europa.eu/research/environment/index.cfm?pg=nbs>



- Kwalunkwe skopertura fl-attivitajiet ta' self, investment u sottoskrizzjoni differenti għas-setturi li huwa mifhum li jikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima, li tista' toħloq riskji reputazzjonali għall-istituzzjoni finanzjarja.
- Ir-riskji relatati mal-klima identifikati fl-attivitajiet ta' self, investment jew sottoskrizzjoni differenti u kif l-istituzzjoni finanzjarja tivvaluta u timmaniġġja dawk ir-riskji.
- L-iskopertura ta' assi finanzjarji, assi mhux finanzjarji u assi mmaniġġjati għal riskji prinċipali relatati mal-klima u l-provvediment ta' analiżi ta' dawk ir-riskji f'riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni.
- Kif l-istituzzjoni finanzjarja vvalutat l-iskopertura tal-assi finanzjarji u l-assi mhux finanzjarji għal riskji relatati mal-klima taħt xenarji differenti relatati mal-klima.
- Il-karatterizzazzjoni tar-riskji relatati mal-klima tagħhom fil-kuntest ta' kategoriji ta' riskju industrijali tradizzjonali bħal riskju ta' kreditu, riskju tas-suq u riskju operazzjonali. <sup>(3)</sup>
- Kif ir-riskji relatati mal-klima jistgħu jaffettwaw il-ħtiġijiet ta' solvenza globali tar-rekwiżiti ta' kapital regolatorju preżenti u futuri tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-banek. Għal dak il-għan, il-banek jistgħu jużaw l-eżiti tal-proċess ta' valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-kapital intern tagħhom (ara l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE), u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni jistgħu jużaw ir-riżultati tal-kalkoli mwettqa fil-Valutazzjonijiet tar-Riskju Proprju u s-Solvenza tagħhom (ara l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-Artikolu 262 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35), u l-eżitu tal-ittestjar tal-istress u l-analiżi tas-sensittività (ara l-Artikolu 295.6 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35), b'mod partikolari meta dawk it-tekniki jagħmlu użu minn *data* relatata mal-klima <sup>(4)</sup>.
- Attivitajiet ta' self: il-volum tal-kollateral espost ħafna għal riskji relatati mal-klima u l-impatt tax-xenarji magħżula fuq il-valur tiegħu.
- Attivitajiet ta' self: il-volum ta' kollateral tal-proprjetà immobbli skont il-klassifikazzjoni tal-effiċjenza enerġetika skont ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija. B'mod partikolari, il-volum ta' kollaterali tal-proprjetà immobbli espost ħafna għar-riskju ta' tranżizzjoni, inkluż kollateral bl-aktar klassifikazzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika baxxi meta mqabbel mal-kollaterali totali.
- Attivitajiet ta' self: il-volum ta' kollaterali tal-proprjetà immobbli esposti ħafna għal riskju fiżiku meta mqabbel mal-kollaterali totali.
- Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni: proċessi għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' riskji relatati mal-klima dwar l-assigurazzjoni / ir-riassigurazzjoni skont il-ġeografija, id-diviżjoni tan-negozju, jew is-segment ta' prodott.
- Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni: azzjonijiet ta' mitigazzjoni, bħal trattati ta' riassigurazzjoni jew strateġiji tal-iħħeġġjar implimentati mill-istituzzjoni biex jitnaqqsu r-riskji relatati mal-klima u l-effett ta' kwalunkwe bidla f'tali tekniki.
- Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni: l-ammont ta' skoperturi ta' sottoskrizzjoni relatati mal-karbonju f'termini ta' dħul tal-assigurazzjoni.

<sup>(3)</sup> Eżempji ta' Riskji tat-Tibdil fil-Klima fl-Operazzjonijiet u l-Attivitajiet tal-Assigurazzjoni: L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni 2018 <https://www.iaisweb.org/page/supervisory-material/issues-papers/file/76026/sif-iais-issues-paper-on-climate-changes-risk>.

<sup>(4)</sup> Fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji fil-qasam prudenzjali, il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom jiżguraw konsistenza bejn l-informazzjoni divulgata meħtieġa mir-regoli prudenzjali u kwalunkwe informazzjoni oħra divulgata fir-rapporti għal skop ġenerali.

## 5. KPI

Meta jiddivulgaw indikaturi relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom jiffukaw fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 3 tagħhom, minkejja l-isfidi magħrufa sew. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Ambitu 1 u tal-Ambitu 2 (emissjonijiet diretti u emissjonijiet indiretti mill-ġenerazzjoni ta' enerġija mixtrija) aktarx ikunu żgħar meta mqabbla ma' emissjonijiet indiretti oħra (l-Ambitu 3).

Fejn rilevanti u xieraq, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Ambitu 3 tal-banek u tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom jinkludu mhux biss l-emissjonijiet tal-Ambitu 1 u 2 tal-kontropartijiet tagħhom, iżda wkoll l-emissjonijiet tal-Ambitu 3 tal-kontropartijiet tagħhom. Meta l-SMEs ikunu parti mill-katina ta' valur, il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni jgħu mħeġġa jappoġġjawhom billi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa.

Meta jiddivulgaw indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni rilevanti għan-negozju partikolari tagħhom u b'appoġġ għad-divulgazzjonijiet kwalitattivi l-oħra relatati mal-klima tagħhom, kif irrakkomandat fit-*Taqsim* 3, il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom iqisu li jiddivulgaw l-indikaturi li ġejjin:

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
L-ammont jew perċentwal ta' assi relatati mal-karbonju f'kull portafoll f'EUR M jew bħala perċentwal tal-valur tal-portafoll attwali. <sup>(5)</sup>	M f'munita / perċentwal tar-rappurtar	EUR 20m jew 20 % ta' assi relatati mal-karbonju tal-portafoll ta' ekwità tal-bank	Uri sensibilizzazzjoni tal-esponiment tal-portafoll għas-setturi affettwati fi gradi differenti għal riskji u opportunitajiet relatati mal-klima.	L-Improntar tal-Karbonju Komuni u l-Metriċi ta' Esponiment tat-TCFD	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030
L-intensità medja ponderata ta' karbonju ta' kull portafoll, fejn hemm <i>data</i> disponibbli jew tista' tiġi stmata b'mod raġjonevoli. <sup>(6)</sup>	Dħul tat-tCO <sub>2</sub> e/ M f'munita tar-rappurtar	Bank jirrapporta l-intensità tal-karbonju tal-portafoll tal-ekwità tiegħu f'termini tat-tCO <sub>2</sub> e kull EUR m bl-użu ta' <i>data</i> tal-karbonju ta' parti terza.	Uri sensibilizzazzjoni tal-esponiment tal-portafoll għas-setturi affettwati fi gradi differenti għal riskji u opportunitajiet relatati mal-klima.	L-Improntar tal-Karbonju Komuni u l-Metriċi ta' Esponiment tat-TCFD	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

<sup>(5)</sup> It-TCFD jirrikonnoxxi li t-termnu assi relatati mal-karbonju mhux definit sew. Jeħtieġ li l-entitajiet jużaw definizzjoni konsistenti biex jappoġġjaw il-komparabbiltà. It-TCFD tissuġġerixxi li jiġu definiti assi relatati mal-karbonju bħal dawkl-assi marbuta mas-setturi tal-enerġija u l-utilitajiet taħt l-Istandard ta' Klassifikazzjoni tal-Industrija Globali, minbarra l-industriji tal-utilitajiet tal-ilma u l-enerġija elettrika indipendenti u tal-produtturi tal-elettriku rinnovabbli.

<sup>(6)</sup> L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiddivulgaw il-bidliet fis-settur u l-allokkazzjoni ġeografika tal-investimenti tagħhom meta mqabbla mas-sena ta' rappurtar preċedenti u jispjegaw l-impatt ta' dawn il-bidliet fuq l-intensità medja ppeżata tal-karbonju tal-portafoll tagħhom. L-istituzzjonijiet finanzjarji jingħataw il-parir li jirriżaminaw ir-rilevanza u l-utilità ta' dan l-indikatur fuq bażi annwali, fid-dawl ta' avvanzi rapidi fl-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' analiżi tax-xenarji u indikaturi tar-riskju marbutin mal-klima u utli għat-tehd tad-deċizzjonijiet.

It-TCFD jirrikonnoxxi l-isfidi u l-limitazzjonijiet tal-indikaturi kurrenti tal-marka tal-karbonju, inkluż li tali indikaturi ma għandhomx neċessarjament jiġu interpretati bħala indikaturi tar-riskju. It-TCFD jirrikonnoxxi li xi manijers tal-assi jistgħu jirrapportaw intensità tal-karbonju medja ponderata għal parti biss mill-assi li jimmaniġġjaw fid-dawl tad-disponibbiltà tad-*data* u kwistjonijiet metodoloġiċi. L-entitajiet ta' rappurtar jistgħu jipprovdu indikaturi oħrajn tal-immarkar u l-esponiment tal-karbonju inklużi fil-gwida supplimentari tat-TCFD għas-settur finanzjarju flimkien ma' deskrizzjoni tal-metodoloġija użata (l-Anness TCFD, p. 43).

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
Volum ta' skoperturi skont is-settur tal-kontroparti.	Munita tar-rappurtar % tal-iskopertura totali għar-riskju	EUR 1 250m fis-settur tal-enerġija li jammonta għal 17 % tal-investimenti totali	Uri l-konċentrazzjoni ta' skoperturi għas-setturi b'livell għoli ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.		Il-Pjan Direzzjonali għal Ekonomija b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju

### Attivitajiet ta' Self u Investiment

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
L-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu u l-volumi ta' kollateral skont il-ġeografija/il-pajjiż tal-post tal-attività jew kollateral, b'indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi/ġeografiji li huma esposti ħafna għal riskju fiżiku.	Munita tar-rappurtar	EUR 750m	Uri l-konċentrazzjoni ta' skoperturi u kollateral fpajjiżi u ġeografiji esposti ħafna għal riskji fiżiċi.		Il-Pjan Direzzjonali għal Ekonomija b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju
Volum ta' kollaterali relatati ma' assi jew attivitajiet fis-setturi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.	% tal-volum totali ta' kollaterali	12 % ta' kollaterali	Uri l-volum ta' kollaterali hodur, eż. bi skopertura baxxa għall-karbonju.		Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030
Il-volum ta' assi finanzjarji li jiffinanzjaw l-attivitajiet ekonomiċi sostenibbli li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni u/jew l-adattament għall-klima (ċifri assoluti u mqabbla ma' skoperturi totali) skont it-tassonomija tal-UE.	Munita tar-rappurtar % tal-iskopertura totali għar-riskju	EUR 650m li jammonta għal 12 % tal-portafoll ta' self	Uri l-konċentrazzjonijiet ta' investimenti hodur u r-reżiljenza tagħhom għat-tibdil fil-klima.		Il-Pjan Direzzjonali għal Ekonomija b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
L-ammont totali tal-portafolli ta' introjtu fiss investit f'bonds ħodor iċċertifikati skont Standard tal-Bonds Ħodor potenzjali tal-UE jekk u meta tali standard jiġi approvat, jew skont kwalunkwe qafas ta' bonds ħodor rikonnoxxut b'mod wiesa' (fi tmiem is-sena) diviż b'(medja mobbli ta' 5 snin tal-) ammont totali ta' holdings f'portafolli ta' introjtu fiss.	Il-perċentwal u l-ammont totali f'munita tar-rappurtar	Bonds ħodor imqabbbla ma' bonds normali sottoskritti jew maħruġa	Dan l-indikatur juri l-impenn għall-finanzjament ekoloġiku u l-istrateġija tal-investitur u mogħdija ta' tranżizzjoni lejn l-allinjament b'xenarju ferm taħt 2 °C.  Huwa jgħin biex juri li t-track-record u d-data prospettiva jstgħu jsostnu l-istrateġija ta' tranżizzjoni tal-investitur b'indikatur ewlieni tal-prestazzjoni robust.	L-abbozz tal-verżjoni proposta ta' ISO 14030 (Ottubru 2018) dwar bonds ħodor diġà jirrikjedi rappurtar dwar dan l-indikatur.	Ekotikketta tal-UE li ġeġja dwar prodotti finanzjarji ħodor. (7)

#### Attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
Analiżi tal-iskopertura ta' sottoskrizzjoni skont il-linji ta' negozju għas-setturi ekonomiċi (tal-ħajja/ mhux tal-ħajja/ tar-riassigurazzjoni).	Munita tar-rappurtar	L-ammont u l-% ta' primjums netti miktuba u ta' dispożizzjonijiet tekniċi bħal fid-Direttiva 2009/138/KE li ġeġjin mill-assigurazzjoni tal-infrastruttura minn detenturi tal-politika fis-settur tal-enerġija.	Uri s-sensibilizzazzjoni tal-iskopertura u l-konċentrazzjoni ekonomika attwali (jekk hemm) f'industriji li huma milquta mit-tibdil fil-klima fi gradi varji.	Tassonomija tal-UE SASB  Id-Direttiva 2009/138/KE (Solvibbiltà II)	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030
Perċentwal ta' prodotti li jinkorporaw riskji relatati mal-klima fil-proċess ta' sottoskrizzjoni għal kuntratti individwali (tal-ħajja / mhux tal-ħajja / tar-riassigurazzjoni).	Bejn 0 u 100 %	Il-prodotti jstgħu jkunu relatati ma' tip ta' riskju speċifiku jew ma' segment tal-klijentela bi skopertura partikolari għar-riskji tat-tibdil fil-klima.	Uri r-reżiljenza tal-portafoll tal-prodott għat-tibdil fil-klima.	SASB	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

(7) Ekotikketta Ewropea li bħalissa qiegħda tiġi żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea bl-appoġġ miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-KE (JRC)

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
<p>In-numru u l-valur ta' prodotti ta' sottoskrizzjoni relatati mal-klima offruti (Mhux tal-ħajja / tar-riassigurazzjoni).</p> <p>Il-kumpanija żviluppat offerta speċifika għal żoni ġeografiċi esposti b'mod partikolari għal avvenimenti tat-temp estremi, u tiddivulga informazzjoni kwantitattiva dwar it-teħid tal-prodott.</p>	Munita tar-rappurtar Numru	Il-kumpanija żviluppat offerta speċifika għal żoni ġeografiċi esposti b'mod partikolari għal avvenimenti tat-temp estremi, u tiddivulga informazzjoni kwantitattiva dwar it-teħid tal-prodott.	Uri l-kapaċità li tieħu opportunitajiet derivati mill-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.	Mhux applikabbli	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 L-Istrateġija ta' Adattament tal-UE
Telf Massimu Mistenni minn katastrofi naturali kkawżati mit-tibdil fil-klima (tal-ħajja / mhux tal-ħajja / tar-riassigurazzjoni).	Munita tar-rappurtar	Kumpanija tiddivulga t-Telf Mistenni Massimu Nett tagħha skont il-periklu u r-reġjun Abbażi tal-Probabbiltà ta' Skorriment ta' Okkorrenza (OEP) f'EUR biljun. Il-perikli jinkludu uragani, għargħar, nirien u nixfiet.	Uri l-maturità tal-immaniġġjar ta' riskju u r-reżiljenza tan-negozju għal kundizzjonijiet avversi.	SASB FN-IN-450a.1, AODP ASTM	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 L-Istrateġija ta' Adattament tal-UE
It-telf totali attribwibbli għal żborżi tal-assigurazzjoni min (1) katastrofi naturali mistennija u (2) katastrofi naturali mhux mistennija, skont it-tip ta' avveniment u segment ġeografiku (riassigurazzjoni netta u grossa).	Munita tar-rappurtar	Kumpanija tiddivulga r-riżultati prinċipali tal-immaniġġjar tar-riskju ta' katastrofi naturali tagħha.	Uri l-maturità tal-immaniġġjar ta' riskju u r-reżiljenza tan-negozju għal kundizzjonijiet avversi.	SASB FN-IN-450a.2, GRI 201-2	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

## Attivitajiet tal-immaniġġjar tar-riskju

KPI	Unità ta' Kejl	Eżempju	Raġunament	Allinjament ma' Oqfsa ta' Rappurtar Oħra	Ir-Referenza għall-Politika tal-UE
It-tqassim tal-assi immaniġġjati skont is-settur tan-negozju fil-klassijiet tal-assi (ekwità / bonds / infrastruttura / proprjeta immobbli / prodotti strutturati / MBS / derivattivi). <sup>(8)</sup>	Munita tar-rappurtar	Irrapporta l-valur nett tal-assi f'ekwità mqassam skont l-industrija.	Uri s-sensibilizzazzjoni tal-iskopertura u l-konċentrazzjoni ekonomika attwali (jekk hemm) f'industriji li huma milquta mit-tibdil fil-klima fi gradi varji.	Tassonomija tal-UE EIOPA SASB FN-IN-410a. GRI 201 -2	Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

<sup>(8)</sup> L-ammonti għal kull industrija, u/jew settur tal-kontroparti, kif definit fil-filings finanzjarji. Speċifika d-definizzjonijiet użati.

Irrapporta skopertura tas-settur ta' livell għoli bbażata fuq klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE) – kodiċijiet ta' numru wieħed. B'mod partikolari, irrapporta l-iskopertura għal setturi intensivi b'livell għoli ta' emissjonijiet tal-karbonju - - A, B, C, D, E, F, H.

L-entità għandha tiddivulga l-iskopertura tagħha lil mill-anqas 10 mill-akbar industriji skont l-ammont monetarju ta' skopertura, jew lil industriji li jirrappreżentaw mill-anqas 2 % tal-iskopertura monetarja kumplessiva.

## ANNEX II

### L-immappjar tar-Rekwiżiti tad-Direttiva ta' Rappurtar Mhux Finanzjarju u d-Divulgazzjonijiet Rakkomandati tat-TCFD

Id-divulgazzjonijiet proposti f'dan is-suppliment jikkorrispondu mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju (NFRD) u huma mfassla wkoll biex jintegraw id-divulgazzjonijiet rakkomandati tat-TCFD.

Il-grafika hawn taħt turi kif dan is-suppliment jalloka kull waħda mid-divulgazzjonijiet rakkomandati tat-TCFD għal rekwiżit ta' divulgazzjoni tal-NFRD. Dan jirrappeżenta alternattiva waħda għal kontroreferenza tad-divulgazzjonijiet rakkomandati tat-TCFD mad-divulgazzjonijiet meħtieġa mill-NFRD. Minħabba li l-NFRD u t-TCFD jużaw termini u kunċetti differenti, din il-kontroreferenza tista' titwettaq b'modi oħra. Il-kumpaniji jistgħu jkunu jixtiequ li jqisu alternattivi oħra u huma mħeġġa jesperimentaw aktar f'dan ir-rigward.

Figura 3

### L-immappjar ta' Rekwiżiti tal-NFRD u d-Divulgazzjonijiet Rakkomandati tat-TCFD

Żvelar Rakkomandat tat-TCFD		Elementi tal-NFRD				
		Mudell tan-Negozju	Politiki u Proċessi tad-Diliġenza Dovuta	Riżultati	Riskji Prinċipali u l-Ġestjoni Tagħhom	Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni
Governanza	a) Superviżjoni tal-Bord		■			
	b) Rwol tal-amministrazzjoni		■			
Strateġija	a) Riskji u opportunitajiet relatati mal-klima				■	
	b) Impatt tar-riskji u opportunitajiet relatati mal-klima	■				
	c) Reżiljenza tal-istrateġija tal-organizzazzjoni	■				
Ġestjoni tar-Riskji	a) Proċessi għall-identifikazzjoni u għall-valutazzjoni				■	
	b) Proċessi għall-ġestjoni				■	
	c) Integrazzjoni fil-ġestjoni tar-riskji ġenerali				■	
Metriċi u Miri	a) Metriċi użati għall-valutazzjoni					■
	b) Emissjonijiet ta' gassijiet serra			■		
	c) Miri			■		

Il-kumpaniji li huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-NFRD u li jfittxu li jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD jistgħu jkunu jixtiequ li jqisu dan li ġej:

- It-TCFD tipproponi li d-divulgazzjonijiet rakkomandati tagħha għandhom jiġu ppubblikati fil-“filings finanzjarji annwali” <sup>(1)</sup> tal-kumpanija. L-NFRD jippermetti lill-Istati Membri biex iħallu lill-kumpaniji jippubblikaw ir-rapport mhux finanzjarju tagħhom f'rapport separat skont ċerti kundizzjonijiet, u l-maġġoranza tal-Istati Membri għażlu din l-alternattiva. Jekk kumpanija soġġetta għall-NFRD tkun tixtieq tissodisfa r-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD rigward il-post tad-divulgazzjonijiet relatati mal-klima tagħha, din għandha tippubblika dawn id-divulgazzjonijiet fir-rapport tal-ġestjoni tagħha.

<sup>(1)</sup> L-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tat-TCFD - Appendiċi 2 Glossarju: Il-Filings Finanzjarji jirreferu għall-pakketti ta' rappurtar annwali fejn l-organizzazzjonijiet huma mitluba jipprovdu r-riżultati finanzjarji awditjati tagħhom skont il-liġijiet korporattivi, ta' konformità, jew tat-titoli tal-ġurisdizzjonijiet li joperaw fihom. Filwaqt li r-rekwiżiti ta' rappurtar iwarjaw fuq livell internazzjonali, il-filings finanzjarji b'mod ġenerali fihom rapporti finanzjarji u informazzjoni oħra bħal dikjarazzjonijiet dwar it-tmexxija korporattiva u kummentarju tal-maniġment.

- Il-perspettiva tal-materjalità tal-NFRD tkopri kemm il-materjalità finanzjarja u ambjentali u l-materjalità soċjali, fil-waqt li t-TCFD għandha perspettiva ta' materjalità finanzjarja biss. Għalhekk, fil-prinċipju, informazzjoni meqjusa materjali mill-perspettiva tat-TCFD għandha tkun ukoll materjali mill-perspettiva tal-NFRD.
  - It-TCFD issostni li d-divulgazzjonijiet rakkomandati tagħha relatati mal-Istrateġija u mal-Metriċi u mal-Miri għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ta' materjalità finanzjarja. Madanakollu, it-TCFD ma ssostnix li valutazzjoni tal-materjalità għandha tapplika għad-divulgazzjonijiet irrakkomandati tagħhom dwar il-Governanza u l-Immaniġġjar tar-Riskji, filwaqt li tipproponi b'mod impliċitu li d-divulgazzjonijiet tagħha dwar il-Governanza u l-Immaniġġjar tar-Riskji għandhom isiru irrispettivament mill-materjalità. Għalhekk, kumpanija li tkun tixtieq timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD jista' jkollha bżonn tiddivulga ċerta informazzjoni anke jekk dik l-informazzjoni ma tkunx meħtieġa skont l-NFRD.
-



**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.9323 — RheinEnergie/SPIE/TankE)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 209/02)

Fit-13 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) bid-dokument li jgħib in-numru 32019M9323. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.9363 — Koito/Elbit/BWV/JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 209/03)

Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32019M9363. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

Id-19 ta' Ġunju 2019

(2019/C 209/04)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1207	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4990
JPY	Yen Ġappuniż	121,49	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,7683
DKK	Krona Daniża	7,4671	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7173
GBP	Lira Sterlina	0,89020	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5323
SEK	Krona Żvediża	10,6868	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 318,62
CHF	Frank Żvizzeru	1,1176	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,2693
ISK	Krona İzlandiża	141,50	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7378
NOK	Krona Norveġiża	9,7815	HRK	Kuna Kroata	7,4023
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 991,83
CZK	Krona Ċeka	25,635	MYR	Ringgit Malażjan	4,6760
HUF	Forint Ungeriż	323,97	PHP	Peso Filippin	58,176
PLN	Zloty Pollakk	4,2670	RUB	Rouble Russu	71,7360
RON	Leu Rumun	4,7275	THB	Baht Tajlandiż	35,050
TRY	Lira Turka	6,5618	BRL	Real Brażiljan	4,3324
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6303	MXN	Peso Messikan	21,4542
			INR	Rupi Indjan	78,0755

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## L-ebda għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE

(2019/C 209/05)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA hija tal-fehma li l-miżura li ġejja ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE:

<b>Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:</b>	fit-2 ta' April 2019.
<b>Każ Nru:</b>	82159
<b>Deċiżjoni Nru:</b>	020/19/COL
<b>Stat tal-EFTA:</b>	In-Norveġja
<b>Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju):</b>	Leangbukten Båtforenings Andelslag
<b>Forma tal-għajnuna:</b>	L-ebda għajnuna
<b>Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti:</b>	Asker municipality P.O Box 353 1372 Asker IN-NORVEĠJA

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA: <http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/>.

---

## V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI  
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri antisussidji

(2019/C 209/06)

1. Kif previst fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni tinnotifika li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri kompensatorji msemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. **Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tas-sussidju u tal-ħsara. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni u l-produtturi tal-Unjoni mbaġħad jingħataw l-opportunità li jlaboraw, jirrifjutaw jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

3. **Data tal-għeluq**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels <sup>(2)</sup> fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Din in-notifika hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data tal-iskadenza <sup>(1)</sup>
Ċerta trota qawsalla	It-Turkija	Dazju antisussidji	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/309 tas-26 ta' Frar 2015 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija  (ĠU L 56, 27.2.2015, p. 12)	28.2.2020

<sup>(1)</sup> Il-miżura tiskadi f'nofs il-lejl tal-ġurnata msemmija f'din il-kolonna.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

<sup>(2)</sup> TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu

**Avviż ta' ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjonijiet wara s-sentenzi tal-10 ta' April 2019, fil-kawżi T-300/16 u T-301/16, fir-rigward tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 u (UE) 2016/388 li jimponu dazju kompensatorju definittiv u dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja**

(2019/C 209/07)

### Is-sentenzi

Fis-sentenzi taġġha tal-10 ta' April 2019, fil-kawżi T-300/16<sup>(1)</sup> u T-301/16<sup>(2)</sup> Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs il-Kummissjoni ("is-sentenzi"), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti Ġenerali") annullat rispettivament ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 tas-17 ta' Marzu 2016 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja<sup>(3)</sup> ("ir-Regolament antisussidji kkonċernat") u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/388 tas-17 ta' Marzu 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja<sup>(4)</sup> kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1369<sup>(5)</sup> ("ir-Regolament antidumping ikkonċernat").

Fil-kawża T-300/16 il-Qorti Ġenerali sabet li fir-Regolament antisussidji inkwistjoni l-kalkolu tal-ammont ta' benefiċċju li jirriżulta mir-restrizzjonijiet fil-mira fuq l-esportazzjoni li nstabu fis-seħħ fir-rigward tal-mineral tal-ħadid, fir-rigward ta' Jindal Saw Ltd ("Jindal Saw"), kien qed jikser l-Artikolu 6(d) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea<sup>(6)</sup> ("ir-Regolament antisussidji bażiku"). B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali sostniet li l-ispejjeż tat-trasport realment imġarrba minn Jindal Saw mill-minjiera għall-impjant taġġha fl-Indja kienu oġġha minn dawk li ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni, bħala medja, u li kienu inklużi fil-kalkolu tal-prezz medju tax-xiri għall-mineral tal-ħadid fl-Indja. Fl-opinjoni tal-Qorti Ġenerali, differenza bħal din fl-ispejjeż tat-trasport tfisser li l-prezz li bih Jindal Saw akkwistat il-ħadid mhux maħdum fis-suq Indjan kien, fil-fatt, oġġha mill-prezz medju tax-xiri aċċettat mill-Kummissjoni biex tiddetermina l-livell ta' remunerazzjoni, li kellu impatt inevitabbli fuq il-benefiċċju li seta' jingħata lil dak il-produttur esportatur. Għaldaqstant, il-Qorti sabet li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 6(d) tar-Regolament antisussidji bażiku, fis-sens li l-Kummissjoni, b'mod żbaljat, għażlet b'mod każwali ċerti elementi mill-ispejjeż tal-konsenja ta' Jindal Saw għall-kalkolu tal-ispiża standard medja tat-trasport, u kisret ukoll it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament antisussidji bażiku, fis-sens li l-Kummissjoni ffissat id-dazju kompensatorju flivell oġġha mis-sussidji kumpensabbli.

Fiż-żewġ kawżi T-300/16 u T-301/16, il-Qorti Ġenerali għamlet ukoll sejbiet fir-rigward tal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet li saru mill-Kummissjoni fir-regolamenti antisussidji u antidumping inkwistjoni. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali sabet li, peress li l-Kummissjoni użat il-prezzijiet tal-bejgħ li sar mill-entitajiet tal-bejgħ marbuta mal-produttur ewlieni tal-Unjoni sabiex tiddetermina l-prezz tal-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni filwaqt li ma kkunsidratx il-prezzijiet tal-bejgħ tal-entitajiet tal-bejgħ ta' Jindal Saw biex tiddetermina l-prezz tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn Jindal Saw, ma setax jitqies li l-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz sar billi tqabblu l-prezzijiet fl-istess livell ta' kummerċ. Skont il-Qorti Ġenerali, l-iżball li għamlet il-Kummissjoni fil-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz tal-prodott ikkonċernat għall-prodotti ta' Jindal Saw kellu l-effett li jieħu kont tat-twaqqigħ ta' dak il-prezz, li l-importanza tiegħu jew saħan-sitra l-eżistenza tiegħu ma ġietx stabbilita b'mod xieraq.

B'riżultat ta' dan, il-Qorti Ġenerali sabet li l-Kummissjoni kienet kisret rispettivament l-Artikolu 8(1) tar-Regolament antisussidji bażiku u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea<sup>(7)</sup> ("ir-Regolament antidumping bażiku"). Billi t-twaqqigħ tal-prezzijiet kif ikkalkulat fir-Regolamenti antisussidji u antidumping inkwistjoni kien il-bażi għall-konklużjoni li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu fl-għerq tal-ħsara għall-industrija tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali sabet li l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu lill-industrija tal-Unjoni bħala kundizzjoni neċessarja għall-impożizzjoni ta' dazju kompensatorju skont l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 8(5) tar-Regolament antisussidji bażiku u skont l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3(6) tar-Regolament antidumping bażiku, setgħet ġiet ippreġudikata wkoll.

<sup>(1)</sup> ECLI:EU:T:2019:235.

<sup>(2)</sup> ECLI:EU:T:2019:234.

<sup>(3)</sup> ĠU L 73, 18.3.2016, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 73, 18.3.2016, p. 53.

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1369 tal-11 ta' Awwissu 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/388 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 217, 12.8.2016, p. 4).

<sup>(6)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

<sup>(7)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali sabet li ma setax jiġi eskluż li, kieku t-twaqqiġ tal-prezz kellu jiġi kkalkulat b'mod korrett, il-marġni ta' dannu tal-industrija tal-Unjoni kien jiġi stabbilit f'livell taħt ir-rata tas-sussidju u l-marġni tad-dumping rispettivament. F'dak il-każ, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament antisussidji bażiku, l-ammont tad-dazju kumpensatorju għandu jitnaqqas għal rata li tkun biżżejjed biex dak id-dannu jitneħħa. Bl-istess mod, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament antidumping bażiku, l-ammont tad-dazju antidumping għandu jitnaqqas għal rata li tkun biżżejjed biex dak id-dannu jitneħħa.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Qorti annullat rispettivament ir-Regolamenti antisussidji u antidumping inkwistjoni sa fejn huma relatati ma' Jindal Saw Ltd.

### Konsegwenzi

L-Artikolu 266 tat-TFUE jistipula li l-istituzzjonijiet iridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti. Fil-każ ta' annullament ta' att adottat mill-Istituzzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva, bħall-investigazzjonijiet antidumping jew antisussidji, il-konformità mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tikkonsisti fis-sostituzzjoni tal-att annullat b'att ġdid, li fih l-illegalità identifikata mill-Qorti tiġi eliminata<sup>(8)</sup>.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura għas-sostituzzjoni tal-att annullat tista' tissokta fil-punt eżatt li fih saret l-illegalità<sup>(9)</sup>. Dan jimplika b'mod partikolari li, f'sitwazzjoni fejn att li jikkonkludi proċedura amministrattiva jiġi annullat, l-annullament mhux neċessarjament jaffettwa l-atti preparatorji, bħall-ftuħ tal-proċedura antidumping. F'sitwazzjoni fejn, pereżempju, Regolament li jimponi miżuri antidumping definittivi jiġi annullat, dan ifisser li wara l-annullament, il-proċediment antidumping ikun għadu miftuħ, minħabba li l-att li jikkonkludi l-proċediment antidumping ikun sparixxa mill-ordni legali tal-Unjoni<sup>(10)</sup>, ħliet jekk l-illegalità tkun saret fl-istadju tal-bidu. It-tkomplija tal-proċedura amministrattiva ma tistax titqies li tmur kontra r-regola ta' nonretroattività<sup>(11)</sup>.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolamenti antidumping u antisussidji inkwistjoni għal raġuni waħda komuni (jiġifieri, li l-Kummissjoni naqset milli tagħmel paragun ġust fl-istess livell ta' kummerċ meta kienet qed tiddetermina l-eżistenza ta' twaqqiġ sinifikanti fil-prezz). Dan l-iżball, potenzjalment, jista' jippreġudika l-analiżi tal-kawżalità kif ukoll il-marġni tad-dannu.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament antisussidji inkwistjoni wkoll minħabba li sabet li l-Kummissjoni kkalkulat ħażin l-ammont ta' benefiċċju għal Jindal Saw Ltd billi mhux l-ispejjeż kollha reali tat-trasport imġarrba minn Jindal Saw ġew ikkunsidrati meta ġie kkalkulat il-prezz domestiku tal-mineral tal-ħadid fl-Indja.

Is-sejbiet li saru fir-Regolamenti antisussidji u antidumping inkwistjoni li ma kinux ikkontestati, jew li ġew ikkontestati iżda rrifjutati permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali jew li ma ġewx eżaminati mill-Qorti Ġenerali, u għalhekk ma wasslux għall-annullament tar-Regolamenti inkwistjoni, fil-prinċipju jibqgħu validi.

### Proċedura ta' ftuħ mill-ġdid

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ mill-ġdid l-investigazzjonijiet antisussidji u antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħrufa wkoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferoidali), li joriġinaw mill-Indja li wasslu għall-adozzjoni tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/387 u (UE) 2016/388, sa fejn dawn jikkonċernaw lil Jindal Saw Ltd. Il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjonijiet oriġinali jerġa' jibda fil-punt fejn seħħet l-irregolarità.

L-għan tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjonijiet oriġinali huwa li jiġu indirizzati b'mod sħiħ l-iżbalji identifikati mill-Qorti Ġenerali u li jiġi vvalutat jekk l-applikazzjoni korretta tar-regoli tistax tiġġustifika l-impożizzjoni mill-ġdid tal-miżuri fil-livell oriġinali jew f'livell rivedut mid-data li fiha r-Regolamenti antisussidji u antidumping inkwistjoni daħlu fis-seħħ oriġinarjament jew le.

Il-partijiet interessati huma infurmati b'dan il-ftuħ mill-ġdid permezz tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(8)</sup> Il-Kawża Magħquda 97, 193, 99 u 215/86 Asteris AE u oħrajn u r-Repubblika Ellenika vs il-Kummissjoni [1988] Ġabra 2181, il-paragrafi 27 u 28.

<sup>(9)</sup> Il-Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, il-paragrafu 31; Il-Kawża C-458/98 P Industrie des Poudres Sphériques vs il-Kunsill [2000] I-8147, il-paragrafi 80 sa 85; Il-Kawża T-301/01 Alitalia vs il-Kummissjoni [2008] II-1753, il-paragrafi 99 u 142; Il-Kawża Magħquda T-267/08 u T-279/08 Région Nord-Pas-de-Calais vs il-Kummissjoni [2011] II-0000, il-paragrafu 83.

<sup>(10)</sup> Il-Kawża C-415/96 Spanja vs il-Kummissjoni [1998] Ġabra I-6993, il-paragrafu 31; Il-Kawża C-458/98 P Industrie des Poudres Sphériques vs il-Kunsill [2000] I-8147, il-paragrafi 80 sa 85.

<sup>(11)</sup> Il-kawża C-256/16 Deichmann [2018], il-paragrafu 79.

### Sottomissjonijiet bil-miktub

Il-partijiet interessati kollha, u b'mod partikolari Jindal Saw, huma mistiedna jippreżentaw l-opinjoni tagħhom, jissottomettu tagħrif u jipprovdu evidenza ta' appoġġ dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-provi ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 20 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Possibbiltà ta' smiġ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni

Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smiġ għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet għaliex tkun qiegħda ssir. Għal seduti ta' smiġ dwar kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni, it-talba trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, it-talba għal smiġ trid tiġi ppreżentata fil-limiti tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

### Istruzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex tintbagħat il-korrispondenza

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew *data* soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu a) li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ; u b) li tipprovi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan l-Avviż, il-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati b'halha "Limited" ("Ristrett")<sup>(12)</sup>. Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "Limited" huma mitluba jipprovdu taqsiriet mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 29(2) tar-Regolament antisussidji bażiku, li jkunu mmarkati bil-kliem "For inspection by interested parties" ("Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"). Dawn is-sommarji jridu jkunu ddetaljati biżżejjed biex jippermettu li l-qofol tat-tagħrif imressaq b'mod kunfidenzjali jinftehem raġonevolment. Jekk parti li tipprovi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tagħtix sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora din l-informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni tkun korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (<https://webgate.ec.europa.eu/tron/TDI>) inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' twebgibiet voluminużi li għandhom jiġu ppreżentati fuq CD-ROM jew fuq DVD bl-idejn jew permezz tal-posta rreġistrata. Meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES (KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ)" ippubblikat fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc\\_148003.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf) Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz tal-posta elettronika validu u għandhom jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tan-negozju uffiċjali li jaħdem u li jiġi kkonsultat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet permezz ta' TRON.tdi u bil-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

<sup>(12)</sup> Dokument "Limited" huwa dokument li jiġi kkunsidrat kunfidenzjali skont ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Antidumping). Dan huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission  
Directorate-General for Trade  
Directorate H  
Uffiċċju: CHAR 04/039  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi:  
<https://webgate.ec.europa.eu/tron/tdi>

Indirizz tal-posta elettronika:  
TRADE-DUCTILE-ADAS@ec.europa.eu

### Nuqqas ta' kooperazzjoni

F'każijiet fejn xi parti interessata tiċħad l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihom fiż-żmien stipulat, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jsiru sejbiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 28 tar-Regolament antisussidji bażiku.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment, u s-sejbiet ikunu għalhekk imsejsa fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 28 tar-Regolament antisussidji bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku din tkun ikkooperat.

In-nuqqas ta' tweġiba kompjuterizzata ma għandux jiġi kkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitlub tkun tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew f'kost addizzjonali mhux raġonevoli. Il-parti interessata għandha tikkuntattja lill-Kummissjoni minnufih.

### Uffiċjal tas-Seduta

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-iskadenzi u kull talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smiġh u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkun qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Talba għal seduta ta' smiġh mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smiġh għandhom isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u bla dewmien sabiex ma xxekklix l-andament tajjed tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, il-partijiet interessati għandhom jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Meta t-talbiet għal seduti ta' smiġh jiġu ppreżentati barra mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn dawn it-talbiet ikunu saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: <http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/>

### Proċessar ta' data personali

Kull data personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(13)</sup>.

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenzji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).



Avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fuq is-sit web tad-DG Kummerċ: <http://trade.ec.europa.eu/doclib/html/157639.htm>

### **Informazzjoni lill-partijiet kollha kkonċernati**

Il-partijiet interessati, inklużi l-importaturi, huma b'dan infurmati li responsabbiltà futura, jekk ikun hemm, tirriżulta mis-sejbiet ta' dan ir-rieżami.

Billi l-ammont tar-responsabbiltà finali li jirriżulta mir-rieżami mhuwiex ċert f'dan l-istadju, il-Kummissjoni titlob lill-awtoritajiet tad-dwana nazzjonali biex jistennew l-eżitu ta' din l-investigazzjoni qabel jiddeċiedu dwar xi pretensjoni ta' ħlas lura dwar id-dazju tal-antidumping u kumpensatorji annullati mill-Qorti Ġenerali fir-rigward ta' Jindal Saw Limited.

Konsegwentement, id-dazji antidumping u kumpensatorji mħallsa rispettivament skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/387 u (UE) 2016/388 fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħrufa wkoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), bl-esklużjoni ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili mingħajr kisi intern jew estern ("pajpijiet mikxufin"), li bħalissa huma fil-kodiċijiet NM ex 7303 00 10 u ex 7303 00 90 (il-kodiċijiet TARIC 7303 00 10 10 u 7303 00 90 10), li joriġinaw mill-Indja, prodotti minn Jindal Saw Limited (kodiċi addizzjonali TARIC C054) ma għandhomx jitħallsu lura jew jiġu rimessi qabel l-eżitu ta' din l-investigazzjoni.

### **Id-divulgazzjoni**

Il-partijiet interessati kollha li ġew irreġistrati bħala tali matul l-investigazzjonijiet li wasslu għall-adozzjoni tar-regolamenti antisussidji u antidumping inkwistjoni se jiġu sussegwentement infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li tiġi implimentata s-sentenza u se jingħataw l-opportunità li jikkumentaw.

---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9314 — Sogelamir/AddUp/PrintSky)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 209/08)

1. Fil-11 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sogelamir S.A. ("Sogecair", Franza), li hija proprjetà tas-Sogecamir Group,

— Addup SAS ("Addp", Franza), li hija proprjetà tal-Gruppi Michelin u Fives.

Sogecolmir u AddUp jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture (JV) ("PrintsSky").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sogclair: ajrunawtika u inġinerija spazjali, inġinerija għad-disinn u l-produzzjoni tal-ispeċifikazzjoni ta' vetturi ċivili u militari speċjali, u l-forniment u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet fil-qasam ta' simulaturi ta' riċerka, studju u taħriġ, kif ukoll workshops u software ta' simulazzjoni. Sogecimir hija attiva madwar id-dinja, prinċipalment fi Franza, il-Ġermanja, Spanja, ir-Renju Unit, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika;

— AddUp: il-manifattura ta' soluzzjonijiet industrijali għall-istampar 3D ta' metall li jvarjaw mid-disinn u l-manifattura ta' magni, linji ta' manifattura u servizzi assoċjati mat-tfassil mill-ġdid u l-manifattura ta' partijiet tal-metall, fil-ħolqien ta' prototipi jew serje u servizzi assoċjati. Hija topera madwar id-dinja (prinċipalment fi Franza, fl-Ewropa u fl-Amerika, iżda wkoll fl-Asja u l-Oċeanja) fis-setturi industrijali, tal-karozzi, mediku, ajrunawtiku u spazjali, u ta' lussu;

— PrintSky: maħsuba biex tiżviluppa u tikkummerċjalizza soluzzjonijiet tal-istampar 3D tal-metall fis-setturi tal-ajrunawtika, tal-ajruspazju u tad-difiża, li jikkonsistu esklussivament f'soluzzjonijiet ta' kunċett ta' provi, fl-Ewropa jew anki madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9314 — Sogclair/AddUp/PrintSky

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: [COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu](mailto:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu)

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.9382 — Toyota Financial Services Corporation/Mazda Motor Corporation/SMM Auto Finance JV)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 209/09)

1. Fit-13 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Toyota Financial Services Corporation ("TFS", il-Ġappun), ikkontrollata mit-Toyota Motor Corporation ("TMC", il-Ġappun);
- Mazda Motor Corporation ("MMC", il-Ġappun);
- SMM Auto Finance, Inc. ("SMAAF", il-Ġappun).

TFS u MMC jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' SMAAF kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- TFS toffri firxa ta' servizzi finanzjarji, inkluż finanzjament għall-bejgħ ta' karozzi, karti ta' kreditu u servizzi tal-assigurazzjoni, mad-dinja kollha;
- MMC hija attiva fl-iżvilupp, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' vetturi bil-mutur u spare parts u aċċessorji relatati, mad-dinja kollha;
- SMAAF tipprovdi servizzi ta' finanzjament ta' vetturi bil-mutur lill-konsumaturi Ġappuniżi għal vetturi bil-mutur tal-Mazda mixtrija fil-Ġappun. SMAAF hija attiva biss fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9382 — Toyota Financial Services Corporation/Mazda Motor Corporation/SMM Auto Finance JV.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.







ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT